ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
12 ta' Lulju 2005

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Tagħrif*

**Kunsill**

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 23/2005 adottata mill-Kunsill fit-12 ta' April 2005, bi qbil mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 251 tat-trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, bil-għan li tiġi adottata d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ... 1

Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 24/2005 adottata mill-Kunsill fit-18 ta' April 2005, bi qbil mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 251 tat-trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, bil-għan li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika) (id-19-il Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ... 26

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 172 E.

I

*(Tagħrif)*

# KUNSILL

## POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 23/2005

## adottata mill-Kunsill fit-12 ta' April 2005

## bil-għan li tiġi adottata d-Direttiva 2005/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- …. dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE

(2005/C 172 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Operazzjoni sigura ta' attivitajiet fil-minjieri: segwitu għal inċidenti riċenti fil-minjieri" tistabbilixxi bħala waħda mill-azzjonijiet ta' prijorità tagħha inizzjattiva biex jiġi regolat l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni. Din l-azzjoni hi maħsuba biex tikkumplimenta inizzjattivi bis-saħħa tad-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2003 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi [4] kif ukoll il-produzzjoni ta' dokument ta' l-aħjar teknika disponibbli li jkopri l-immaniġġar ta' skart tal-ġebel u laqx ieħor minn attivitajiet ta' tħaffir fil-minjieri taħt l-awspiċi tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 li tikkonċerna l-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis [5].

(2) Fir-riżoluzzjoni [6] tiegħu tal-5 ta' Lulju 2001 dwar dik il-Komunikazzjoni, il-Parlament Ewropew appoġġa bil-qawwa l-ħtieġa għal Direttiva dwar l-iskart mill-industriji ta' estrazzjoni.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni Komunitarju dwar l-Ambjent [7] tistabbilixxi bħala l-għan għal skartijiet li għadhom ikunu ġenerati li l-livell ta' perikolu tagħhom għandu jitnaqqas u li għandhom jippreżentaw l-inqas riskju possibbli, li preferenza għandha tingħata lill-irkuprar u b'mod speċjali lir-riċiklaġġ, li l-kwantità ta' skart għar-rimi għandha tkun minimizzata u tintrema b'mod sigur, u li l-iskart intiż għar-rimi għandu jiġi trattat kemm jista' jkun qrib il-post fejn ikun iġġenerat sakemm dan ma jwassalx għal tnaqqis fl-effikaċja ta' operazzjonijiet ta' trattament ta' l-iskart. Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tordna bħala azzjoni ta' prijorità, b'referenza għal inċidenti u diżastri, l-iżvilupp ta' miżuri li jgħinu jipprevjenu perikli ta' inċidenti kbar, b'rigward speċjali għal dawk li jirriżultaw mit-tħaffir fil-minjieri, u l-iżvilupp ta' miżuri dwar l-iskart tagħhom. Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tistabbilixxi wkoll il-promozzjoni ta' mmaniġġar sostenibbli ta' industriji ta' estrazzjoni bil-ħsieb li jitnaqqas l-impatt ambjentali tagħhom.

[1] ĠU C 80, tat-30.3.2004, p. 35.
[2] ĠU C 109, tat-30.4.2004, p. 33.
[3] L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU C 103 E, tad-29.4.2004, p.634), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-12 ta' April 2005 u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-…(għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[4] ĠU L 345, tal-31.12.2003, p. 97.
[5] ĠU L 257, ta' l-10.10.1996, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar minn Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).
[6] ĠU C 65E, ta' l-14.3.2002, p. 382.
[7] ĠU L 242, ta' l-10.9.2002, p. 1.

(4) Skond l-għanijiet tal-politika Komunitarja dwar l-ambjent, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun kwalunkwe effett negattiv fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem li jseħħ b'riżultat ta' l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni, bħal-laqx żejjed (jiġifieri l-iskart solidu jew f'tajn li jibqa' wara t-trattament ta' minerali b'numru ta' tekniki ), skart tal-ġebel u piż żejjed (jiġifieri il-materjal li operazzjonijiet ta' estrazzjoni jċaqalqu matul il-proċess ta' aċċess għal blat jew korp minerali, inkluż matul l-istadju ta' żvilupp tal-pre-produzzjoni), u l-ħamrija ta' fuq (il-livell ta' fuq ta' l-art) sakemm dan ikun skart skond id-definizzjoni rilevanti fid-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart ([1]).

(5) Skond il-Paragrafu 24 tal-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg dwar l-Iżvilupp Sostenibbli adottata fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Laqgħa Għolja Dinjija dwar Żvilupp Sostenibbli ta' l-2002 jeħtieġ li tiġi protetta il-bażi ta' riżorsi naturali ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u li titreġġa' lura x-xejra attwali fid-degradazzjoni ta' riżorsi naturali billi l-bażi ta' riżorsi naturali tiġi mmaniġġata b'mod sostenibbli u integrat.

(6) Għaldaqstant, din id-Direttiva għandha tkopri l-immaniġġar ta' skart minn industriji ta' estrazzjoni bbażati fuq l-art, jiġifieri l-iskart li jirriżulta mit-tiftix, l-estrazzjoni (inkluż fl-istadju ta' żvilupp tal-pre-produzzjoni), it-trattament u l-ħażna ta' riżorsi minerali u mit-tħaddim tal-barrieri. Iżda, tali maniġġar għandu jirrifletti l-prinċipji u l-prijoritajiet identifikati fid-Direttiva 75/442/KEE li, skond l-Artikolu 2 (1) (b) (ii) tagħha, tkompli tapplika għal kwalunkwe aspett ta' l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' l-estrazzjoni li mhux kopert minn din id-Direttiva.

(7) Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u r-rekwiżiti amministrattivi sproporzjonati, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandu jiġi limitat għal dawk l-operazzjonijiet partikolari kkunsidrati li huma prijorità għall-finijiet li jintlaħqu l-għanijiet tagħha.

(8) Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw għal dawk il-forom differenti ta' skart li, għalkemm ġġenerati fil-kors ta' estrazzjoni ta' minerali jew operazzjonijiet ta' trattament, mhumiex marbutin b'mod dirett mal-proċess ta' l-estrazzjoni u t-trattament, bħal per eżempju skart mill-ikel, żejt użat, vetturi li waslu fit-tmiem tagħhom, batteriji u akkumulaturi wżati. L-immaniġġar ta' tali skart għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 75/442/KEE jew tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar l-irdim ta' l-iskart ([2]) jew kwalunkwe leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti oħra, bħal fil-każ ta' skart ġenerat f'sit ta' tiftix, estrazzjoni jew trattament u trasportat għal post li mhux faċilità ta' l-iskart skond din id-Direttiva.

(9) Lanqas m'għandha din id-Direttiva tapplika għal skart li jirriżulta minn tiftix, estrazzjoni u trattament ta' riżorsi naturali 'il barra mix-xtut jew għall-injezzjoni ta' l-ilma u l-injezzjoni mill-ġdid ta' ilma ta' l-art ippumpjat, filwaqt li skart inerti, skart minn tiftix mhux perikoluż, ħamrija mhix imniġġsa u skart li jirriżulta mill-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' pit għandu jiġi kopert biss minn sett limitat ta' rekwiżiti minħabba r-riskji ambjentali iktar baxxi tagħhom. Għal skart mhux perikoluż u li mhux inert, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu jew jeżentaw minn ċerti rekwiżiti. Iżda dawn l-eżenzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal faċilitajiet ta' l-iskart ta' Kategorija A.

(10) Barra minn dan, filwaqt li tkopri l-immaniġġar ta' skart minn industriji ta' estrazzjoni li jista' jkun radjuattiv, din id-Direttiva m'għandiex tkopri tali aspetti li huma speċifiċi għal radjuattività.

(11) Skond id-Direttiva 75/442/KEE dwar l-iskart u bis-saħħa ta' l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) l-għan ta' l-immaniġġar ta' skart iġġenerat mill-estrazzjoni ta' materjal użat għall-karatteristiċi radjuattivi tiegħu huwa li jiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema, il-pubbliku u l-ambjent kontra perikoli li joħorġu minn radjazzjonijiet jonizzanti. Din id-Direttiva mhix applikabbli għall-immaniġġar ta' skart bħal dan fejn huwa diġà kopert minn leġiżlazzjoni bbażata fuq it-Trattat Euratom.

(12) Sabiex jinżammu l-prinċipji u prijoritajiet identifikati fid-Direttiva 75/442/KEE u, b'mod partikolari, fl-Artikoli 3 u 4 tagħha, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi li jaħdmu fl-industrija ta' l-estrazzjoni jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jilqgħu jew inaqqsu safejn hu possibbli kwalunkwe effett negattiv, attwali jew potenzjali, fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem li jseħħ bħala riżultat ta' l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni.

(13) Dawn il-miżuri għandhom ikunu bbażati, inter alia, fuq il-kunċett ta' l-aħjar tekniki disponibbli, kif definit fid-Direttiva 96/61/KE u, meta jiġu applikati tali tekniki, huma l-Istati Membri li jiddeterminaw kif il-karatteristiċi tekniċi tal-faċilità ta' l-iskart, il-lokazzjoni ġeografika u l-kondizzjonijiet ambjentali lokali tagħha jistgħu, fejn xieraq, jittieħdu fil-kunsiderazzjoni.

([1]) ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 39. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

([2]) ĠU L 182, tas-16.7.1999, p. 1. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003.

(14) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' l-industrija ta' l-estrazzjoni ifasslu pjanijiet ta' mmaniġġar ta' skart xierqa għat-trattament, l-irkupru u r-rimi ta' skart ta' l-estrazzjoni. Tali pjanijiet għandhom jiġu strutturati b'tali mod li jiżguraw pjanar xieraq ta' għażliet ta' mmaniġġar ta' skart bil-ħsieb li tiġi minimizzata l-ġenerazzjoni ta' skart u l-ħsara li tikkaġuna, u jiġi inkuraġġut l-irkuprar ta' l-iskart. Barra minn hekk, skart minn industriji ta' l-estrazzjoni għandu jiġi karatterizzat fir-rigward tal-kompożizzjoni tiegħu sabiex ikun żgurat li, safejn possibbli, tali skart jirreaġixxi biss b'modi li jistgħu jiġu previsti.

(15) Sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' inċidenti u jiġi garantit livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull operatur ta' faċilità ta' l-iskart tal-Kategorija A jadotta u japplika politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti kbar għall-iskart. F'termini ta' miżuri preventivi, dan għandu jinvolvi l-provvediment ta' sistema ta' mmaniġġar tas-sigurtà, pjanijiet ta' emerġenza li għandhom jiġu wżati fil-każ ta' inċidenti u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar is-sigurtà lil persuni li aktarx ikunu affetwati minn inċident kbir. Fil-każ ta' inċident, l-operaturi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex tiġi mitigata l-ħsara ambjentali attwali jew potenzjali. Dawn il-ħtiġiet partikolari m'għandhomx japplikaw għal dawk il-faċilitajiet ta' l-iskart mill-industriji estrattivi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE ([1]).

(16) Faċilità ta' l-iskart m'għandiex tiġi klassifikata fil-Kategorija A biss abbażi tar-riskji għall-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji ta' estrazzjoni koperti minn leġiżlazzjoni Komunitarja oħra, b'mod partikolari d-Direttivi tal-Kunsill 92/91/KEE ([2]) u 92/104/KEE ([3]).

(17) Minħabba n-natura speċjali ta' l-immaniġġar ta' skart minn industriji ta' estrazzjoni, jeħtieġ li jiġu introdotti proċeduri speċifiċi ta' applikazzjonijiet u ta' permessi fir-rigward ta' faċilitajiet ta' l-iskart użati biex jirċievu tali skart. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti perjodikament jikkunsidraw mill-ġdid u, fejn meħtieġ, jaġġornaw il-kondizzjonijiet għall-permess.

(18) L-Istati Membri għandhom jiġu meħtieġa jiżguraw li, f'konformità mal-Konvenzjoni UNECE dwar l-Aċċess għal Informazzjoni, Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (Konvenzjoni ta' Aarhus) il-pubbliku jkun infurmat dwar l-applikazzjoni għal permess ta' mmaniġġar ta' skart u l-pubbliku konċernat ikun ikkonsultat qabel ma jingħata permess ta' mmaniġġar ta' skart.

(19) Jeħtieġ li jiġu indikati b'mod ċar ir-rekwiżiti li bihom faċilitajiet ta' l-iskart li jagħtu servizz lill-industriji ta' estrazzjoni għandhom jikkonformaw fir-rigward ta' lok, maniġġar, kontroll, għeluq u miżuri preventivi u protettivi li għandhom jittieħdu kontra kwalunkwe theddida ambjentali f'perspettiva ta' perjodu qasir jew ta' perjodu twil, u b'mod iktar speċjali kontra t-tniġġis ta' l-ilma ta' l-art minn infiltrazzjoni kimika fil-ħamrija.

(20) Jeħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar il-faċilitajiet ta' l-iskart tal-Kategorija A wżati biex jittrattaw l-iskart mill-industriji ta' estrazzjoni, filwaqt li jittieħed kont ta' l-effetti probabbli ta' kwalunkwe tniġġis li jirriżulta minn operazzjoni ta' tali faċilità jew minn inċident li fih l-iskart joħroġ minn tali faċilità.

(21) Skart li jiġi mpoġġi lura fl-spazji vojta ta' l-iskavar jew għar-rijabilitazzjoni tiegħu jew għall-finijiet ta' bini relatat mal-proċess ta' estrazzjoni ta' minerali, bħall-bini jew iż-żamma fi spazji vojta ta' mezzi ta' aċċess għal makkinarju, rampi għat-trasport ta' oġġetti, paratijiet, barrikati ta' sigurtà, jeħtieġ ukoll li jkun soġġett għal ċerti rekwiżiti sabiex jiġi protett l-ilma tal-wiċċ u ta' l-art, tiġi assigurata l-istabbilità ta' tali skart, u jiġi żgurat il-monitoraġġ xieraq meta jieqfu tali attivitajiet. Għaldaqstant, tali skart m'għandux ikun soġġett għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva li jirrelataw b'mod esklussiv ma' "faċilitajiet ta' l-iskart", ħlief għar-rekwiżiti msemmija fid-dispożizzjoni speċifika dwar spazji vojta ta' l-iskavar.

([1]) Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll tal-periklu f'inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi (ĠU L 10, ta' l-14.1.1997, p.13). Direttiva emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

([2]) Direttiva tal-Kunsill 92/91/KEE tat-3 ta' Novembru 1992 li tikkonċerna l-ħtiġiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji ta' l-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir (il-ħdax-il-Direttiva individwali fil-qofol tat-tifsir ta' l-Artikolu 16 (1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 384, 28.11.1992, p. 9).

([3]) Direttiva tal-Kunsill 92/104/KEE tat-3 ta' Diċembru 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi biex tittejjeb is-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa ta' ħaddiema ta' l-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali kemm fuq kif ukoll taħt l-art (it-tnax-il-Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16 (1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 404, 31.12.1992, p. 10).

(22) Sabiex jiġi żgurat il-bini u ż-żamma kif jixraq ta' faċilitajiet ta' l-iskart li jittrattaw l-iskart mill-industriji ta' l-estrazzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li d-disinn, il-lok u l-immaniġġar ta' tali faċilitajiet huma mwettqa minn persuni teknikament kompetenti. Jeħtieġ li jiġi żgurat li t-taħriġ u l-għarfien miksuba minn operaturi u persunal jagħtuhom il-kompetenzi meħtieġa. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissodisfaw ruħhom li l-operaturi jiżguraw arranġamenti xierqa fir-rigward tal-kostruzzjoni u ż-żamma ta' faċilità ta' l-iskart ġdida jew għal kwalunkwe estensjoni jew modifika ta' faċilità eżistenti, inkluża l-fażi ta' wara l-għeluq.

(23) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri ta' monitoraġġ tul l-operazzjoni u wara l-għeluq tal-faċilitajiet ta' l-iskart. Għandu jiġi stabbilit perjodu ta' wara l-għeluq għall-monitoraġġ u l-kontoll ta' faċilitajiet ta' skart tal- Kategorija A li jkun proporzjonat għar-riskju magħluq mill-faċilità ta' skart individwali, b'mod simili għal dak li hu meħtieġ mid-Direttiva 1999/31/KE.

(24) Jeħtieġ li jiġi definit meta u kif faċilità ta' l-iskart li tagħti servizz lill-industriji ta' estrazzjoni għandha tingħalaq u li jiġu stabbiliti l-obbligi u r-responsabbilitajiet li għandhom ikunu sodisfatti mill-operatur tul il-perjodu ta' wara l-għeluq.

(25) L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li operaturi ta' l-industriji ta' l-estrazzjoni japplikaw kontrolli ta' monitoraġġ u maniġġar sabiex jiġi prevenut it-tniġġis ta' l-ilma u l-ħamrija u li jiġi identifikat kwalunkwe effett negattiv li l-faċilitajiet ta' l-iskart tagħhom jista' jkollhom fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, għall-finijiet li jiġi minimizzat it-tniġġis ta' l-ilma, ir-rilaxx ta' skart fi kwalunkwe korp ta' l-ilma ta' l-ilqugħ għandu jikkonforma mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([1]). Barra minn hekk, konċentrazzjonijiet f'għadajjar ta' laqx ieħor ta' ċjanur u komposti ta' ċjanur minn ċerti industriji ta' l-estrazzjoni għandhom, minħabba l-effetti dannużi u tossiċi tagħhom, jiġu mnaqqsa għal-livelli l-iktar baxxi possibbli, bl-użu ta' l-aħjar tekniki disponibbli. Livelli massimi ta' konċentrazzjoni għandhom jiġu stabbiliti għaldaqstant u, fi kwalunkwe każ, skond il-ħtiġiet speċifiċi ta' din id-Direttiva biex jipprevjenu tali effetti.

(26) L-operatur ta' faċilità ta' l-iskart li tagħti servizz lill-industriji ta' estrazzjoni għandu jkun meħtieġ li jagħti garanzija finanzjarja jew l-ekwivalenti skond proċeduri li għandhom jiġu deċiżi mill-Istati Membri biex ikun żgurat li l-obbligi kollha li joħorġu mill-permess jiġu sodisfatti, inklużi dawk relatati ma' l-għeluq u wara l-għeluq tas-sit. Il-garanzija finanzjarja għandha tkun suffiċjenti biex tkopri l-prezz ta' rijabilitazzjoni tas-sit minn parti terza kwalifikata kif jixraq u indipendenti. Jeħtieġ ukoll li tali garanzija tiġi provduta qabel il-bidu ta' l-operazzjonijiet ta' depożitu fil-faċilità ta' l-iskart u li tkun aġġustata perjodikament. Barra minn hekk, skond il-prinċipju li min iniġġes iħallas u skond id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar responsabbilità ambjentali fir-rigward tal-prevenzjoni u r-rimedju ta' ħsara ambjentali ([2]), hu importanti li jiġi ċċarat li operatur ta' faċilità ta' l-iskart li tagħti servizz lill-industriji ta' estrazzjoni huwa soġġett għal responsabbilità adegwata fir-rigward ta' ħsara ambjentali kkawżata mill-operazzjonijiet tiegħu jew it-theddida imminenti ta' tali ħsara.

(27) Fil-każ ta' l-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' l-iskart li jagħtu servizz lill-industriji ta' l-estrazzjoni li aktarx li jkollhom effetti transkonfini negattivi sinifikanti fuq l-ambjent u kwalunkwe riskji għas-saħħa tal-bniedem b'riżultat ta' dan, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandu jkun hemm proċedura komuni stabbilita biex tiffaċilita konsultazzjoni fost pajjiżi ġirien. Dan għandu jsir bil-ħsieb li jiġi żgurat li jkun hemm skambju xieraq ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u li l-pubbliku jkun debitament infurmat dwar tali faċilitajiet ta' l-iskart li jistgħu jkollhom konsegwenzi negattivi għall-ambjent ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

(28) Jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jorganizzaw sistema effettiva ta' spezzjonijiet jew miżuri ta' kontroll ekwivalenti fir-rigward ta' faċilitajiet ta' l-iskart li jagħtu servizz lill-industriji ta' l-estrazzjoni. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-operatur taħt il-permess, qabel il-bidu ta' l-operazzjonijiet ta' depożitu għandu jkun hemm spezzjoni biex jiġi kkontrollat li jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet ta' permess. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li operaturi u s-suċċessuri tagħhom iżommu reġistri aġġornati relatati ma' tali faċilitajiet ta' l-iskart u li operaturi jittrasferixxu lis-suċċessuri tagħhom informazzjoni dwar l-istat tal-faċilità ta' l-iskart u l-operazzjonijiet tagħha.

(29) L-Istati Membri għandhom jibgħatu rapporti regolari lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluża informazzjoni dwar inċidenti u kważi-inċidenti. Abbażi ta' dawk ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

([1]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

(30) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar pieni għall-infrazzjoni ta' din id-Direttiva u jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi.

(31) Jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jsir inventarju tal-faċilitajiet ta' l-iskart magħluqa li jinsabu fit-territorju tagħhom li jikkawżaw impatti negattivi ambjentali serji jew li għandhom il-potenzjal li fil-perjodu medju jew qasir ikunu ta' theddida serja għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-ambjent.

(32) Il-Kummissjoni għandha tiżgura skambju xieraq ta' informazzjoni xjentifika u teknika dwar kif jitwettaq inventarju ta' faċilitajiet ta' l-iskart magħluqa fil-livell ta' l-Istati Membri dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji li jassistu lill-Istati Membri biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva meta jirrijabilitaw faċilitajiet ta' skart magħluqa. Barra minn hekk, skambju ta' informazzjoni għandu jiġu assigurat fi u bejn l-Istati Membri dwar l-aħjar tekniki disponibbli.

(33) Din id-Direttiva tista' tkun strument utli li għandu jittieħed kont tiegħu waqt il-verifika li proġetti li jirċievu fondi Komunitarji fil-kuntest ta' għajnuna għall-iżvilupp jinkludu l-miżuri meħtieġa biex jiġu prevenuti jew mnaqqsa safejn possibbli l-effetti negattivi fuq l-ambjent. Tali approċċ hu konsistenti ma' l-Artikolu 6 tat-Trattat, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-integrazzjoni tal-ħtiġiet ta' protezzjoni ambjentali fil-politika Komunitarja fl-isfera tal-koperazzjoni fl-iżvilupp.

(34) L-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri, it-titjib ta' l-immaniġ−ġar ta' l-iskart mill-industriji ta' estrazzjoni, ma jistgħax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom minħabba li l-immaniġġar ħażin ta' tali skart jista' jikkawża tniġġis ta' natura transkonfini. Taħt il-prinċipju li min iniġġes iħallas jeħtieġ, inter alia, li jittieħed kont ta' kwalunkwe ħsara lill-ambjent kkawżata minn skart minn industriji ta' l-estrazzjoni, u applikazzjonijiet nazzjonali differenti ta' dak il-prinċipju jistgħu jwasslu għal disparitajiet sostanzjali fil-piż finanzjarju fuq operaturi ekonomiċi. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' linji politiċi differenti nazzjonali dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni jfixkel l-għan li jiġi żgurat livell minimu ta' mmaniġġar sigur u responsabbli ta' tali skart u l-massimizzazzjoni ta' l-irkuprar tiegħu mal-Komunità kollha. Għalhekk, billi minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, l-għan tagħha jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzonalitá, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan il-għan.

(35) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(36) L-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' mmaniġġar ta' skart li jeżistu fil-mument ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi regolata sabiex tieħu l-miżuri meħtieġa, f'perjodu ta' żmien speċifikat, għall-adattament tagħhom għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

(37) Skond il-paragrafu 34 tal-ftehim Interistituzzjonali dwar leġiżlazzjoni aħjar ([2]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tipprevedi miżuri, proċeduri u gwida għall-prevenzjoni u t-tnaqqis sa fejn hu possibli ta' kwalunkwe effett negattiv fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq l-ilma, l-arja, il-ħamrija, l-fawna, l-flora u l-pajsaġġ, u kwalunkwe riskji għas-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw, ikkawżati b'riżultat ta' l-immaniġġar ta' l-iskart mill-industriji ta' estrazzjoni.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Bla ħsara għal paragrafi 2 u 3, din id-Direttiva tkopri l-immaniġġar ta' skart li jirriżulta mit-tfittix, l-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' riżorsi minerali u l-qtugħ tal-barrieri, minn issa 'l quddiem "skart ta' estrazzjoni".

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

([2]) ĠU C 321, tal-31.12.2003, p. 1.

2. Dan li ġej ser jiġi eskluż għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) skart li hu ġġenerat mit-tfittix, l-estrazzjoni u t-trattament ta' riżorsi minerali u l-qtugħ tal-barrieri, iżda li ma jirriżultax direttament minn dawk l-operazzjonijiet;

(b) skart li jirriżulta mit-tfittix, l-estrazzjoni u t-trattament ta' riżorsi minerali 'l barra mix-xtut;

(ċ) injezzjoni ta' ilma jew injezzjoni mill-ġdid ta' ilma ta' taħt l-art ippumpjat kif definit fl-ewwel u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 11(3)(j) tad-Direttiva 2000/60/KE, safejn awtorizzat minn dak l-Artikolu.

3. Skart inerti u ħamrija mhix imniġġsa li jirriżultaw mit-tfittix, l-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' riżorsi minerali u l-qtugħ ta' barrieri u skart li jirriżulta mill-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' pit m'għandhomx ikunu soġġetti għall-Artikoli 7, 8, 11(1) u (3), 12, 13(5), 14 u 16, ħlief jekk ikunu depożitati f'faċilità ta' l-iskart ta' Kategorija A.

L-awtorità kompetenti tista' tnaqqas jew tirrinunzja għar-rekwiżiti għad-depożitu ta' skart mhux perikoluż iġġenerat mit-tfittix ta' riżorsi minerali, ħlief iż-żejt u evaporiti minbarra l-ġibs u l-anidrid, kif ukoll għad-depożitu ta' ħamrija mhux imniġġsa u ta' skart li jirriżulta mill-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' pit dment li jintlaħqu r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4.

L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu jew jirrinunzjaw għar-rekwiżiti ta' l-Artikoli 11(3), 12(5) u (6), 13(5), 14 u 16 għal skart mhux perikoluż u mhux inerti, ħlief jekk ikun depożitat f'faċilità ta' l-iskart ta' Kategorija A.

4. Mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra, l-iskart li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva m' għandux ikun soġġett għad-Direttiva 1999/31/KE.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

1) "skart" huwa kif definit fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 75/442/KEE;

2) "skart perikoluż" huwa kif definit fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar skart perikoluż; [1]

3) "skart inerti" tfisser skart li ma jkunx soġġett għal xi trasformazzjoni fiżika, kimika jew bijoloġika sinifikanti. Skart inerti ma jdubx, ma jinħaraqx jew inkella ma jirreaġixxix fiżikament jew kimikament, ma jkunx bijodegradabbli jew ma jaffetwax ħażin materjal ieħor li jiġi f'kuntatt miegħu b'mod li x'aktarx joħloq tniġġiż lill-ambjent jew jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem. Il-kapaċità li jerħi u l-kontenut ta' tniġġiż totali ta' l-iskart u l-ekotossiċità tal-lissija għandhom ikunu insinifikanti, u partikolarment ma joħolqux periklu għall-kwalità ta' l-ilma tal-wiċċ u/jew ta' l-ilma ta' taħt l-art;

4) "ħamrija mhux imniġġsa" tfisser ħamrija li titneħħa mis-saff ta' fuq ta' l-art waqt attivitajiet ta' estrazzjoni u li mhix meqjusa bħala mniġġsa skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn jinsab is-sit u skond il-liġi Komunitarja;

5) "riżorsa minerali" jew "minerali" tfisser depożitu li jinsab b'mod naturali fil-qoxra tad-dinja ta' sustanza organika jew inorganika, bħal per eżempju karburanti għall-enerġija, metalli mhux maħdumin, minerali industrijali u minerali ta' kostruzzjoni, iżda eskluż l-ilma;

6) "industriji ta' l-estrazzjoni" tfisser l-istabbilimenti u l-impriżi kollha involuti fl-estrazzjoni, mill-wiċċ jew minn taħt l-art, ta' riżorsi minerali għal finijiet kummerċjali, inkluża l-estrazzjoni permezz ta' titqib ta' spieri, jew it-trattament tal-materjal estratt;

7) "barra mix-xtut" tfisser iż-żona tal-baħar u qiegħ il-baħar li testendi mill-marka ta' l-ilma baxxa tal-marea ordinarja jew medja 'l barra;

8) "trattament" tfisser il-proċess mekkaniku, fiżiku, bijoloġiku, termali jew kimiku jew kombinazzjoni ta' proċessi mwettqa fuq riżorsi minerali, inkluż mill-qtugħ ta' barrieri bil-ħsieb li jiġi estratt il-mineral, inklużi t-tibdil fid-daqs, il-klassifikazzjoni, is-separazzjoni u l-lissija, u l-ipproċessar mill-ġdid ta' skart li ġie mormi preċedentement, iżda esklużi t-tidwib, il-proċessi ta' manifatturar termali u/jew operazzjonijiet metallurġiċi;

9) "laqx ieħor" tfisser l-iskart solidu jew taħlita ta' materjal ta' skart insolubbli li jibqa' wara t-trattament ta' minerali mill-proċessi ta' separazzjoni (e.g. tfarrik, tħin, għażla skond id-daqs, flotation u tekniki fiżiko-kemikali oħra) sabiex jitneħħew minerali ta' valur minn blat ta' valur minuri;

10) "borġ" tfisser faċilità mgħammra għad-depożitu ta' skart solidu fil-wiċċ;

[1] ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 20. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/31/KE (ĠU L 168, tat-2.7.1994, p. 28).

11) "diga" tfisser struttura mgħammra maħsuba għaż-żamma jew l-għeluq ta' ilma u skart ġewwa għadira;

12) "għadira" tfisser faċilità naturali jew mgħammra għall-eliminazzjoni ta' skart fin, normalment laqx ieħor, flimkien ma' ammonti varjabbli ta' ilma ħieles, li jirriżulta mit-trattament ta' riżorsi minerali u mid-depurazzjoni u r-reċiklaġġ ta' ilma ta' proċess;

13) "ċjanur dissoċjabbli b'aċtu dgħajjef" tfisser ċjanur u komponenti taċ-ċjanur li huma dissoċjati b'aċtu dgħajjef f'pH definit;

14) "lissija" tfisser kull likwidu li jiġi filtrat minn ġo skart depositat u li joħroġ minn jew jinżamm f'faċilità ta' l-iskart, inkluż dranaġġ imniġġeż, li jista' jeffettwa l-ambjent b'mod negattiv jekk mhux trattat b'mod adegwat;

15) "faċilità ta' l-iskart" tfisser kwalunkwe żona maħsuba għall-ġbir jew id-depożitu ta' skart ta' l-estrazzjoni, kemm jekk fi stat solidu jew likwidu jew f'soluzzjoni jew f'sospensjoni, għall-perijodi ta' żmien li ġejjin:

— l-ebda perjodu ta' żmien għal faċilitajiet ta' l-iskart ta' Kategorija A u faċilitajiet għal skart meqjus perikoluż fil-pjan ta' l-immaniġġar ta' l-iskart;

— perjodu ta' iżjed minn sitt xhur għal faċilitajiet għal iskart perikoluż iġġenerat b'mod mhux mistenni;

— perjodu ta' iżjed minn sena għal faċilitajiet għal iskart mhux perikoluż u mhux inerti;

— perjodu ta' iżjed minn tliet snin għal faċilitajiet għal ħamrija mhux imniġġsa, l-iskart mhux perikoluż mit-tiftix, l-iskart li jirriżulta mill-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' pit u skart inerti.

Tali faċilitajiet huma meqjusa li jinkludu kwalunkwe diga jew struttura oħra li sservi sabiex tikkontjeni, iżżomm, tikkonfina jew b'xi mod ieħor issostni tali faċilità, u wkoll li jinkludu, iżda ma tkunx limitata għal borġijiet u għadajjar, iżda jeskludu spazji vojta ta' skavar li fihom l-iskart huwa sostitwit, wara l-estrazzjoni tal-minerali, għall-fini ta' riabilitazzjoni u bini;

16) "inċident maġġuri" tfisser ġrajja fis-sit waqt operazzjoni li tinvolvi l-immaniġġar ta' skart ta' estrazzjoni fi kwalunkwe stabbiliment kopert min din id-Direttiva, li twassal għal periklu serju għas-saħħa tal-bniedem u/jew għall-ambjent, kemm jekk minnufih jew fuq tul ta' żmien, fis-sit jew barra mis-sit;

17) "sustanza perikoluża" tfisser sustanza, taħlita jew preparat li hija perikoluża skond it-tifsira fid-Direttiva 67/548/KEE [1])jew fid-Direttiva 1999/45/KE [2];

18) "l-aqwa tekniki disponibbli" huwa kif definit fl-Artikolu 2(11) tad-Direttiva 96/61/KE;

19) "korp ta' l-ilma li jirċievi" tfisser ilmijiet tal-wiċċ, ilma ta' taħt l-art, ilmijiet transizzjonali, u ilma tal-kosta kif definiti fl-Artikolu 2(1),(2), (6) u (7) tad-Direttiva 2000/60/KE, rispettivament;

20) "riabilitazzjoni" tfisser it-trattament ta' l-art affettwata minn faċilità ta' l-iskart b'tali mod li l-art tinġieb lura fi stat sodisfaċenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità tal-ħamrija, s-selvaġġina, il-habitats naturali, is-sistemi ta' l-ilma ħelu, il-pajsaġġ u użi ta' benefiċċju xierqa;

21) "tfittix" tfisser it-tfittxija għal depożiti minerali ta' valur ekonomiku inkluż it-teħid ta' kampjuni, it-teħid ta' kampjuni bil-kwantità, it-titqib u t-tħaffir ta' trinek, iżda eskluż kwalunkwe xogħol meħtieġ għall-iżvilupp ta' tali depożiti, u kwalunkwe attività marbuta ma' operazzjoni eżistenti ta' estrazzjoni;

22) "il-pubbliku" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew aktar minn waħda u, skond il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom;

---

[1] Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU 196, tas-16.8.1967, p. 1.) Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE (ĠU L 152, tat-30.4.2004, p. 1.).

[2] Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettar ta' preparazzjonjijiet perikolużi (ĠU L 200, tat-30.7.1999, p. 1.) Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttivatal-Kunsill 2004/66/KE (ĠU L 168, ta' l-1.5.2004, p. 35).

23) "il-pubbliku konċernat" tfisser il-pubbliku affettwat jew li probabbilment ikun effettwat minn, jew li għandu interess fi, t-teħid ta' deċiżjoni ambjentali skond l-Artikoli 6 u 7 ta' din id-Direttiva attwali; għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, l-organizzazzjonijiet non-governattivi li jippromwovu l-protezzjoni ta' l-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe ħtieġa skond il-liġi nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom tali interess;

24) "operatur" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-immaniġġar ta' skart ta' estrazzjoni, f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn iseħħ l-immaniġġar ta' l-iskart, inkluż fir-rigward tal-ħażna temporanja ta' l-iskart ta' l-estrazzjoni kif ukoll il-fażijiet operazzjonali u dawk ta' wara l-għeluq;

25) "detentur ta' l-iskart" tfisser il-produttur ta' l-iskart jew il-persuna fiżika jew ġuridika li tkun fil-pussess tiegħu;

26) "persuna kompetenti" tfisser persuna fiżika li għandha t-tagħrif tekniku u l-esperjenza, kif definit mil-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru li fih il-persuna topera, sabiex twettaq id-doveri li jirriżultaw minn din id-Direttiva;

27) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet li Stat Membru jinnomina bħala responsabbli biex iwettqu d-doveri li jirriżultaw minn din id-Direttiva;

28) "sit" tfisser l-art kollha li tinsab f'żona ġeografika preċiża taħt il-kontroll amministrattiv ta' operatur;

29) "bidla sostanzjali" tfisser bidla fl-istruttura jew l-operazzjoni ta' faċilità ta' l-iskart li, skond il-fehma ta' l-awtorità kompetenti, jista' ikollha effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti ġenerali**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-iskart ta' estrazzjoni jiġi mmaniġġat mingħajr ma titqiegħed fil-periklu s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma jintużaw proċessi jew metodi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent, u b'mod partikolari mingħajr riskju għall-ilma, l-arja, il-ħamrija u l-fawna u l-flora, mingħajr ma jinħoloq fastidju permezz ta' ħsejjes jew irwejjaħ u mingħajr effetti negattivi fuq il-pajsaġġ jew postijiet ta' interess speċjali. L-Istati Membri għandhom ukoll jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprojbixxu l-abbandun, ir-rimi jew id-depositu mhux ikkontrollat ta' skart ta' estrazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jipprevjeni u jnaqqas kemm jista' ikun kwalunkwe effett negattiv fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem ikkawżati b'riżultat ta' l-immaniġġar ta' skart ta' estrazzjoni. Dan jinkludi l-immaniġġar ta' kwalunkwe faċilità ta' l-iskart, ukoll wara l-għeluq tagħha, u l-prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri li jinvolvu dik il-faċilità u r-restrizzjoni tal-konsegwenzi tagħhom għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu bbażati, inter alia, fuq l-aħjar tekniki disponibbli, mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta' kwalunkwe teknika jew teknoloġija speċifika, iżda b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi tekniċi tal-faċilità ta' l-iskart, il-lok ġeografiku u l-kondizzjonijiet ambjentali lokali.

*Artikolu 5*

**Pjan ta' mmaniġġar ta' skart**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur ifassal pjan ta' mmaniġġar ta' l-iskart għall-minimizzazzjoni, it-trattament, l-irkupru u r-rimi ta' l-iskart ta' l-estrazzjoni.

2. L-għanijiet tal-pjan ta' mmaniġġar ta' l-iskart għandhom ikunu:

(a) il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-produzzjoni ta' l-iskart u l-ħsara tiegħu, b'mod partikolari billi jiġi kkunsidrat:

(i) l-immaniġġar ta' l-iskart fil-fażi ta' ippjanar u fl-għażla tal-metodu wżat għall-estrazzjoni u t-trattament tal-minerali;

(ii) it-tibdiliet li l-iskart ta' l-estrazzjoni jista' ikun soġġett għalihom in konnessjoni ma' żieda fil-firxa ta' l-art u fl-espożizzjoni għall-kondizzjonijiet fuq l-art;

(iii) it-tqegħid ta' skart ta' estrazzjoni lura fl-ispazji li huma imħaffra wara l-estrazzjoni tal-minerali, safejn hu teknikament u ekonomikament possibbli u ambjentalment sigur skond l-istandards ambjentali eżistenti fuq livell Komunitarju u, fejn rilevanti, skond ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

(iv) it-tqegħid tal-ħamrija tal-wiċċ lura f'postha wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart jew, jekk dan mhux possibbli b'mod prattiku, l-użu mill-ġdid tal-ħamrija tal-wiċċ x'imkien ieħor;

(v) l-użu ta' sustanzi inqas perikolużi għat-trattament tar-riżorsi minerali;

(b) it-tħeġġiġ ta' l-irkupru ta' skart ta' estrazzjoni permezz tar-reċiklaġġ, l-użu mill-ġdid jew l-irkupru ta' tali skart, fejn dan hu ambjentalment sigur skond l-istandards ambjentali eżistenti fuq livell Komunitarju u skond ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

(ċ) l-iżgurar ta' rimi mhux perikoluż ta' l-iskart ta' estrazzjoni għal perjodu qasir u fit-tul, b'mod partikolari billi jitqies, waqt il-fażi ta' pjanar, l-immaniġġar waqt l-operazzjoni u wara l-għeluq ta' faċilità ta' l-iskart u billi tintgħażel pjanta li teħtieġ ammont minimu u, jekk hu possibbli, fl-aħħar mill-aħħar, ebda monitoraġġ, kontroll u mmaniġġar tal-faċilità magħluqa.

3. Il-pjan ta' mmaniġġar ta' l-iskart għandu jkun fih mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) fejn applikabbli, il-klassifikazzjoni proposta għall-faċilità ta' l-iskart skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness III:

— Dokument li juri li, skond l-Artikolu 6(3), jitpoġġew fis-seħħ politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri, sistema ta' amministrazzjoni ta' sigurtà għall-implimentazzjoni tagħha u pjan intern ta' emerġenza, fil-każ li hi meħtieġa faċilità ta' skart tal-Kategorija A;

— Meta l-operatur iqis li faċilità ta' l-iskart tal-Kategorija A mhix meħtieġa, biżżejjed informazzjoni li tiġġustifika dan, inkluża identifikazzjoni ta' perikli possibbli ta' inċident;

(b) karatterizzazzjoni ta' l-iskart skond l-Anness II u dikjarazzjoni ta' l-istima tal-kwantitajiet totali ta' skart ta' estrazzjoni li għandhom jiġu prodotti waqt il-fażi operazzjonali;

(ċ) deskrizzjoni ta' l-operazzjoni li tiġġenera tali skart u ta' kwalunkwe trattament sussegwenti li hu suġġett għalih;

(d) deskrizzjoni ta' kif l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv mid-depożitu ta' tali skart u l-miżuri preventivi li għandhom jittieħdu sabiex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali waqt l-operazzjoni u wara l-għeluq, inklużi l-aspetti msemmija fl-Artikolu 11 (2) (a), (b), (d) u (e);

(e) il-proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ proposti skond l-Artikoli 10 (meta applikabbli), u 11 (2) (ċ);

(f) il-pjan propost għall-għeluq, inkluża ir-riabilitazzjoni, il-proċeduri ta' wara l-għeluq u l-monitoraġġ kif previst fl-Artikolu 12;

(g) miżuri għall-prevenzjoni jew il-minimizzazzjoni tad-deterjorament ta' l-istatus ta' l-ilma, tat-tniġġis ta' l-arja u tal-ħamrija skond l-Artikolu 13.

Il-pjan ta' mmaniġġar ta' l-iskart għandu jipprovdi biżżejjed informazzjoni sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta l-kapaċità ta' l-operatur li jilħaq l-għanijiet tal-pjan ta' mmaniġġar ta' l-iskart kif stabbiliti fil-paragrafu 2 u l-obbligi tiegħu skond din id-Direttiva.

4. Il-pjan ta' mmaniġġar ta' l-iskart għandu jiġi rivedut kull ħames snin u/jew emendat, kif xieraq, fil-każ ta' tibdiliet sostanzjali fl-operazzjoni tal-faċilità ta' l-iskart jew fl-iskart depożitat. Kwalunkwe emendi għandhom jiġu notifikati lill-awtorità kompetenti.

5. Pjanijiet prodotti skond liġijiet nazzjonali jew Komunitarji oħrajn u li fihom l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 3 jistgħu jiġu wżati fejn dan jevita d-duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' informazzjoni u r-ripetizzjoni tax-xogħol mill-operatur, bil-kondizzjoni li r-rekwiżiti kollha skond il-paragrafi 1 sa 4 jiġu milħuqa.

6. L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-pjan ta' mmaniġġar ta' l-iskart abbażi tal-proċeduri li għandhom jiġu deċiżi mill-Istati Membri u għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu.

*Artikolu 6*

**Prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u informazzjoni**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal faċilitajiet ta' l-iskart tal-Kategorija A, kif definiti fl-Artikolu 9 ħlief għal dawk il-faċilitajiet ta' l-iskart li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/82/KE.

2. Mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra, u b'mod partikolari d-Direttivi 92/91/KEE u 92/104/KEE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perikolu ta' inċidenti maġġuri jiġi identifikat u li l-karatteristiċi meħtieġa jiġu inkorporati fl-ippjanar, il-kostruzzjoni, l-operazzjoni u l-manutenzjoni, l-għeluq u l-fażi ta' wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart sabiex jiġu evitati tali inċidenti u jiġu limitati l-konsegwenzi negattivi tagħhom għas-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent, inkluż kwalunkwe impatt transkonfinali.

3. Għall-finijiet tar-rekwiżiti taħt il-paragrafu 2, kull operatur għandu, qabel il-bidu ta' l-operazzjonijiet, ifassal politika ta' prevenzjoni ta' l-inċidenti maġġuri għall-immaniġġar ta' skart ta' estrazzjoni u jpoġġi fis-seħħ sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà li jimplimetaha, skond l-elementi stabbiliti f' Taqsima 1 ta' l-Anness I, u għandu wkoll ipoġġi fis-seħħ pjan ta' emerġenza intern li jispeċifika l-miżuri li għandhom jittieħdu fis-sit fil-każ ta' inċident.

Bħala parti minn dik il-politika, l-operatur għandu jaħtar direttur tas-sigurtà responsabbli għall-implimentazzjoni u s-superviżjoni perjodika tal-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri.

L-awtorità kompetenti għandha tfassal pjan ta' emerġenza estern li jispeċifika l-miżuri li għandhom jittieħdu barra mis-sit fil-każ ta' inċident. Bħala parti mill-applikazzjoni għal permess, l-operatur għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni meħtieġa sabiex din ta' l-aħħar tkun tista' tfassal dak il-pjan.

4. Il-pjanijiet ta' emerġenza msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikollhom l-għanijiet li ġejjin:

(a) sabiex jiġu kontenuti u kkontrollati l-inċidenti maġġuri u inċidenti oħra biex b'hekk jiġu minimizzati l-effetti tagħhom, u b'mod partikolari biex tiġi limitata l-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent;

(b) sabiex jiġu implimentati l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent mill-effetti ta' inċidenti maġġuri u inċidenti oħra;

(ċ) sabiex l-informazzjoni meħtieġa tiġi komunikata lill-pubbliku u lis-servizzi jew l-awtoritajiet relevanti fl-inħawi;

(d) sabiex jaħsbu għar-riabilitazzjoni, r-restawr u t-tindif ta' l-ambjent wara inċident maġġuri.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'każ ta' inċident maġġuri, l-operatur jipprovdi minnufih lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex tgħin sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi tiegħu għas-saħħa tal-bniedem u sabiex jiġi valutat u minimizzat il-grad tal-ħsara, attwali jew potenzjali, għall-ambjent.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku konċernat jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi sabiex jipparteċipa fit-tħejjija jew ir-reviżjoni tal-pjan ta' emerġenza estern li għandu jiġi mfassal skond il-paragrafu 3. Għal dak il-għan, il-pubbliku konċernat għandu jiġi infurmat dwar kwalunkwe tali proposta u l-informazzjoni rilevanti għandha ssir disponibbli, inkluż inter alia informazzjoni dwar id-dritt għall-parteċipazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u dwar l-awtorità kompetenti li lilha jistgħu jiġu ppreżentati kummenti u mistoqsijiet.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku konċernat ikollu d-dritt jesprimi kummenti f'termini ta' żmien raġonevoli u li, fid-deċiżjoni dwar il-pjan ta' emerġenza estern, jittieħed kont dovut ta' dawn il-kummenti.

6. L-Istati Membru għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' sigurtà u dwar l-azzjoni meħtieġa fil-każ ta' inċident, li fiha mill-inqas l-elementi mniżżla f' taqsima 2 ta' l-Anness I tiġi pprovduta, mingħajr ħlas u awtomatikament, lill-pubbliku konċernat.

Dik l-informazzjoni għandha tiġi riveduta kull tliet snin u, fejn meħtieġ, aġġornata.

*Artikolu 7*

**Applikazzjoni u permess**

1. L-ebda faċilità ta' l-iskart m'għandha titħalla topera mingħajr permess mogħti mill-awtorità kompetenti. Il-permess għandu jkun fih l-elementi speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u għandu jindika b'mod ċar il-kategorija tal-faċilità ta' l-iskart skond il-kriterji msemmija fl-Artikolu 9.

Bla ħsara għal konformità mar-rekwiżiti kollha skond dan l-Artikolu, kwalunkwe permess prodott skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew Komunitarja jista' jiġi mgħaqqad sabiex jifforma permess wieħed, fejn tali format jevita d-duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' informazzjoni u r-ripetizzjoni ta' xogħol mill-operatur jew l-awtorità kompetenti. Id-dettalji speċifikati fil-paragrafu 2 jistgħu jiġu koperti minn permess uniku jew bosta permessi, sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha taħt dan l-Artikolu.

2. L-applikazzjoni għal permess għandu jkun fiha mill-inqas id-dettalji li ġejjin:

(a) l-identità ta' l-operatur;

(b) il-lok propost tal-faċilità ta' l-iskart, inkluż kwalunkwe sit alternattiv possibbli;

(ċ) il-pjan ta' mmaniġġar ta' skart skond l-Artikolu 5;

(d) arranġamenti xierqa għal garanzija finanzjarja jew l-ekwivalenti, kif meħtieġ mill-Artikolu 14;

(e) l-informazzjoni provduta mill-operatur skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 85/337/KEE [1])jekk hi meħtieġa valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali skond dik id-Direttiva.

---

[1] Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, tal-5.7.1985, p. 40). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 17).

3. L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess biss jekk hi sodisfatta li:

(a) l-operatur jikkonforma mal-ħtiġiet rilevanti skond din id-Direttiva;

(b) l-immaniġġar ta' l-iskart ma jkunx f'kunflitt dirett jew b'xi mod ieħor ifixkel l-implimentazzjoni tal-pjan jew pjanijiet ta' mmaniġġar ta' l-iskart rilevanti msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 75/442/KEE.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti perjodikament jikkunsidraw mill-ġdid u, fejn meħtieġ, jaġġornaw il-kondizzjonijiet tal-permess:

— fejn ikun hemm tibdiliet sostanzjali fl-operazzjoni tal-faċilità ta' l-iskart jew fl-iskart depożitat;

— abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ irrapurtat mill-operatur skond l-Artikolu 11(3) jew spezzjonijiet imwettqa skond l-Artikolu 17;

— fid-dawl ta' l-iskambju ta' informazzjoni dwar tibdiliet sostanzjali fl-aqwa tekniki disponibbli skond l-Artikolu 21(3).

5. L-informazzjoni f'permess mogħti skond dan l-Artikolu għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-istatistika kompetenti kemm nazzjonali kif ukoll Komunitarji fejn mitluba għal finijiet ta' statistika. Informazzjoni sensittiva ta' natura purament kummerċjali, bħal informazzjoni dwar relazzjonijiet kummerċjali u komponenti ta' spiża u l-volum ta' riżervi minerali ekonomiċi, ma għandhiex issir pubblika.

*Artikolu 8*

**Parteċipazzjoni tal-pubbliku**

1. Il-pubbliku għandu jkun infurmat, permezz ta' avviżi pubbliċi jew mezzi xierqa oħra, bħal medja elettronika fejn disponibbli, dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, kmieni fil-proċedura għall-għoti ta' permess jew, l-aktar tard, hekk kif l-informazzjoni tista' b'mod raġonevoli tiġi provduta:

(a) l-applikazzjoni għal permess;

(b) fejn applikabbli, il-fatt li deċiżjoni dwar applikazzjoni għal permess hija soġġetta għal konsultazzjoni bejn l-Istati Membri skond l-Artikolu 16;

(ċ) id-dettalji ta' l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jieħdu d-deċiżjoni, dawk li mingħandhom tista' tinkiseb l-informazzjoni rilevanti, dawk li lilhom jistgħu jiġu sottomessi kummenti jew mistoqsijiet, u d-dettalji ta' l-iskeda tal-ħin biex jiġu trasmessi kummenti jew mistoqsijiet;

(d) in-natura tad-deċiżjonijiet possibbli;

(e) fejn applikabbli, id-dettalji dwar proposta għall-aġġornament ta' permess jew tal-kondizzjonijiet għal permess;

(f) indikazzjoni tal-ħinijiet u l-postijiet fejn, jew il-mezzi li bihom, l-informazzjoni rilevanti ssir disponibbli;

(g) id-dettalji ta' l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika magħmula skond il-paragrafu 7.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'termini ta' żmien adegwati, dan li ġej isir disponibbli għall-pubbliku konċernat:

(a) skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ir-rapporti u l-pariri ewlenija mgħoddija lill-awtorità kompetenti fiż-żmien meta l-pubbliku ġie infurmat skond il-paragrafu 1;

(b) skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess għall-pubbliku għal informazzjoni dwar l-ambjent [1] tad-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE, kwalunkwe informazzjoni oħra barra dik imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li hi rilevanti għad-deċiżjoni skond l-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva li ssir disponibbli biss wara ż-żmien li l-pubbliku jkun ġie infurmat skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-pubbliku jiġi infurmat, skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dwar aġġornament tal-kondizzjonijiet għall-permess skond l-Artikolu 7 (4).

4. Il-pubbliku konċernat għandu jkollu d-dritt jesprimi kummenti u opinjonijiet lill-awtorità kompetenti qabel ma tittieħed deċiżjoni.

5. Għandu jittieħed kont xieraq tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet miżmuma skond dan l-Artikolu fit-teħid ta' deċiżjoni.

---

[1] ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, p. 26.

6. Meta tittieħed deċiżjoni, l-awtorità kompetenti għandha, skond il-proċeduri xierqa, tinforma lill-pubbliku konċernat u tqiegħed l-informazzjoni li ġejja għad-dispożizzjoni tal-pubbliku konċernat:

(a) il-kontenut tad-deċiżjoni, inkluża kopja tal-permess;

(b) ir-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom hi bbażata d-deċiżjoni.

7. L-arranġamenti dettaljati għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku skond dan l-Artikolu għandhom ikunu determinati mill-Istati Membri sabiex il-pubbliku konċernat ikun jista' jipprepara u jipparteċipa b'mod effettiv.

*Artikolu 9*

**Sistema ta' klassifikazzjoni għal faċilitajiet ta' l-iskart**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikklassifikaw faċilità ta' l-iskart bħala Kategorija A skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness III.

*Artikolu 10*

**Spazji mħaffra**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-operatur ikun qed jitfa' l-iskart ta' l-estrazzjoni lura fl-ispazji imħaffra għal skopijiet ta' riabilitazzjoni u kostruzzjoni, kemm jekk saru permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, dan għandu jieħu miżuri xierqa sabiex:

(1) jiżgura l-istabbiltà ta' l-iskart ta' estrazzjoni skond, mutatis mutandis, l-Artikolu 11(2);

(2) jevita t-tniġġis tal-ħamrija, ta' l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art skond, mutatis mutandis, l-Artikolu 13(1) u (3);

(3) jiżgura l-monitoraġġ ta' l-iskart ta' estrazzjoni skond, mutatis mutandis, l-Artikolu 12(4) u (5).

2. Id-Direttiva 1999/31/KE għandha tibqa' tapplika għall-iskart barra minn skart ta' estrazzjoni wżat għall-mili ta' spazji imħaffra kif xieraq.

*Artikolu 11*

**Kostruzzjoni u amministrazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-iskart**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-amministrazzjoni ta' faċilità ta' l-iskart tkun f'idejn persuna kompetenti u li jiġu provduti żvilupp tekniku u taħriġ tal-persunal.

2. L-awtorità kompetenti għandha tissodisfa lilha nfisha li, meta tkun qed tinbena faċilità ta' l-iskart ġdida jew tkun qed tiġi modifikata faċilità eżistenti ta' l-iskart, l-operatur jiżgura li:

(a) il-faċilità ta' l-iskart tinsab f'post adegwat, filwaqt li jittieħed kont tal-fatturi ġeoloġiċi, idroloġiċi, idroġeoloġiċi, sismiċi u ġeotekniċi, u tkun ippjanata b'mod li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex, fil-perspettivi għall-perjodu qasir u għall-perjodu fit-tul, jiġi evitat t-tniġġis tal-ħamrija, ta' l-arja, ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art, u filwaqt li jittieħed kont b'mod speċjali tad-Direttivi 76/464/KEE ([1]), 80/68/KEE ([2])u 2000/60/KE, u filwaqt li jiġi żgurat il-ġbir effiċjenti ta' l-ilma kontaminat u ta' l-lissija kif u meta meħtieġ skond il-permess, u t-tnaqqis ta' l-erożjoni kaġunata mill-ilma jew mir-riħ sakemm ikun teknikament possibbli u ekonomikament vijabbli;

(b) il-faċilità ta' l-iskart tkun mibnija, immexxija u miżmuma b'mod xieraq sabiex tkun żgurata l-istabbiltà fiżika tagħha u sabiex ikun evitat it-tniġġis jew kontaminazzjoni tal-ħamrija, ta' l-arja, ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art fil-perspettivi għall-perjodu qasir u għall-perjodu fit-tul kif ukoll tiġi minimizzata sa fejn possibbli l-ħsara lill-pajsaġġ;

(ċ) ikun hemm pjanijiet u arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ u l-ispezzjoni regolari tal-faċilità ta' l-iskart minn persuni kompetenti u sabiex tittieħed azzjoni fil-każ li r-riżultati jindikaw instabbiltà jew tniġġis ta' l-ilma jew tal-ħamrija;

(d) isiru arranġamenti xierqa għar-riabilitazzjoni ta' l-art u għall-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart;

(e) isiru arranġamenti xierqa għall-fażi ta' wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart.

([1]) Direttiva tal-Kunsill ta' l-4 ta' Mejju 1976 dwar it-tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akwatiku tal-Komunità (76/464/KEE) (ĠU L 129, tat-18.5.1976, p. 23). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2000/60/KE.

([2]) Direttiva tal-Kunsill 80/68/KEE tas-17 ta' Diċembru 1979 dwar il-ħarsien ta' ilma ta taħt l-art kont'ra tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi (ĠU L, 20 tas-26.1.1980, p. 43). Direttiva kif emendata mid-Direttiva 91/692/KEE (ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48).

Għandhom jinżammu reġistri tal-monitoraġġ u l-ispezzonijiet imsemmija fil-punt (ċ), flimkien mad-dokumentazzjoni dwar il-permess sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni tingħadda b'mod xieraq, partikolarment fil-każ ta' bdil ta' l-operatur.

3. L-operatur għandu, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 48 siegħa wara, jinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe avveniment li x'aktarx ikun jaffettwa l-istabbiltà tal-faċilita' ta' l-iskart u b'kull effett ambjentali negattiv sinifikanti żvelat mill-proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ tal-faċilità ta' l-iskart. L-operatur għandu jimplimenta l-pjan ta' emerġenza intern, fejn applikabbli, u jsegwi kwalunkwe istruzzjoni oħra mill-awtorità kompetenti fir-rigward tal-miżuri korrettivi li jridu jittieħdu.

L-operatur għandu jkopri l-ispejjeż tal-miżuri li jridu jittieħdu.

Bi' frekwenza li trid tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti, u fi'kwalunkwe każ mill-inqas darba fis-sena, l-operatur għandu jirrapporta, abbażi tad-data aggregata, ir-riżultati kollha ta' monitoraġġ lill-awtoritajiet kompetenti bil-għan li tintwera l-konformità mal-kondizzjonijiet tal-permess u sabiex jiżdied it-tagħrif dwar l-imġieba ta' l-iskart u tal-faċilità ta' l-iskart. Abbażi ta' dan ir-rapport l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li hi meħtieġa validazzjoni minn espert indipendenti.

*Artikolu 12*

**Proċeduri ta' għeluq u ta' wara l-għeluq għall-faċilitajiet ta' l-iskart**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw konformità mal-paragrafi 2 sa 5.

2. Faċilità ta' l-iskart għandha tibda proċedura ta' għeluq biss jekk tiġi sodisfatta waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti msemmija fil-permess;

(b) tingħata l-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, fuq talba ta' l-operatur;

(ċ) l-awtorità kompetenti toħroġ deċiżjoni raġunata għal dak l-iskop.

3. Faċilità ta' l-iskart tista' biss tiġi kkunsidrata li tkun definittivament magħluqa wara li l-awtorità kompetenti tkun, mingħajr dewmien żejjed, wettqet spezzjoni finali fuq il-post, assessjat ir-rapporti kollha sottomessi mill-operatur, iċċertifikat li s-sit ġie rriabilitat u kkomunikat lill-operatur l-approvazzjoni tagħha għall-għeluq.

Dik l-approvazzjoni ma tnaqqas b'ebda mod l-obbligi ta' l-operatur taħt il-kondizzjonijiet tal-permess jew mod ieħor skond il-liġi.

4. L-operatur għandu jkun responsabbli għall-manutenzjoni, l-monitoraġġ u l-kontroll fil-fażi ta' wara l-għeluq sakemm ikun meħtieġ mill-awtorità kompetenti, b'kont meħud tan-natura u tad-dewmien tal-periklu, ħlief fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tassumi dawn id-doveri ta' l-operatur wara li faċilità ta' l-iskart tkun definittivament ingħalqet u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali jew Komunitarja li tirregola r-responsabbiltajiet tad-detentur ta' l-iskart.

5. Meta, wara l-għeluq ta' faċilità ta' l-iskart, ikun kkunsidrat meħtieġ mill-awtorità kompetenti, l-operatur għandu, b'mod partikolari, jikkontrolla l-istabbiltà fiżika u kimika tal-faċilità u jimminimizza kwalunkwe effett ambjentali negattiv, partikolarment fir-rigward ta' l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, billi jiżgura li:

(a) l-istrutturi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-faċilità huma sorveljati u kkonservati, b'apparat ta' kontroll u ta' kejl dejjem lest għall-użu;

(b) fejn applikabbli, il-kanali u l-passaġġi ta' tifwir għandhom jinżammu nodfa u liberi.

6. Wara l-għeluq ta' faċilità ta' skart, l-operatur għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lill-awtorita' kompetenti bi kwalunkwe ġrajjiet jew żviluppi li x'aktarx jaffettwaw l-istabbiltà tal-faċilità ta' l-iskart u kwalunkwe effett ambjentali negattiv sinifikanti żvelat mill-proċeduri rilevanti ta' kontroll u monitoraġġ. L-operatur għandu jimplimenta l-pjan ta' emerġenza intern, fejn applikabbli, u jsegwi kwalunkwe istruzzjoni oħra mill-awtorità kompetenti fir-rigward tal-miżuri korrettivi li jridu jittieħdu.

L-operatur għandu jkopri l-ispejjeż tal-miżuri li jridu jittieħdu.

F'każijiet u b'frekwenza li trid tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti, l-operatur għandu jirrapporta, abbażi tad-data aggregata, ir-riżultati kollha ta' monitoraġġ lill-awtoritajiet kompetenti bil-għan li tintwera l-konformità mal-kondizzjonijiet tal-permess u sabiex jiżdied it-tagħrif dwar l-imġiba ta' l-iskart u tal-faċilità ta' l-iskart.

*Artikolu 13*

**Prevenzjoni tad-deterjorament ta' l-istatus ta' l-ilma, tat-tniġġis ta' l-arja u tal-ħamrija**

1. L-awtorità kompetenti għandha tissodisfa lilha nfisha li l-operatur ikun ħa l-miżuri meħtieġa sabiex:

(a) jivvaluta l-potenzjal ta' ġenerazzjoni tal-lissija, inkluż il-kontenut kontaminanti tal-lissija, ta' l-iskart depożitat matul il-fasi kemm operazzjonali kif ukoll ta' wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart u jiddetermina l-bilanċ ta' l-ilma tal-faċilità ta' l-iskart;

(b) jevita jew jimminimizza l-ġenerazzjoni tal-lissija u li l-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ u l-ħamrija jiġu kkontaminati mill-iskart;

(ċ) jittratta l-ilma kkontaminat u l-lissija miġbura mill-faċilità ta' l-iskart sabiex jilħqu l-istandard xieraq meħtieġ għall-iskarikar tagħhom.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-operatur ikun ħa miżuri xierqa sabiex jevita jew inaqqas l-emissjonijiet ta' trab u ta' gass.

3. Fejn, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji ambjentali, filwaqt li jittieħed kont, partikolarment, tad-Direttivi 76/464/KEE, 80/68/KEE jew 2000/60/KE, kif applikabbli, l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li l-ġbir u t-trattament tal-lissija mhux meħtieġa jew ikun ġie stabbilit li l-faċilità ta' l-iskart ma toħloq ebda perikli potenzjali għall-ħamrija, l-ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ,ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (b) u (ċ) tal-paragrafu 1 jistgħu jitnaqqsu jew jitneħħew skond dan.

4. L-Istati Membri għandhom iħallu li jsir rimi ta' skart ta' estrazzjoni, kemm f'forma solida, likwida jew tajn fi kwalunkwe korp ta' ilma li jirċievi barra minn wieħed mibni għall-iskop li jintrema skart ta' estrazzjoni bil-kondizzjoni li l-operatur jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 76/464/KEE, 80/68/KEE u 2000/60/KE.

5. Fil-każ ta' għadira li tkun tinvolvi l-preżenza taċ-ċjanur, l-operatur għandu jiżgura li l-konċentrazzjoni taċ-ċanur dissoċjabbli b'aċtu dgħajjef fl-għadira titnaqqas għall-inqas livell possibbli billi jintużaw l-aħjar tekniki disponibbli u li, fi kwalunkwe każ, f'faċilitajiet li jkunu ngħataw permess qabel jew li kienu diġà joperaw fi … (*) li l-konċentrazzjoni ta' ċjanur dissoċjabbli b'aċtu dgħajjef fil-ħin ta' l-iskarigu tat-laqx ieħor mill-impjant ta' pproċessar għal ġewwa l-għadira ma jaqbiżx il-50 ppm minn … (*), il-25 ppm minn … (**), l-10 ppm minn … (***) u l-10 ppm f'faċilitajiet li jingħataw permess wara … (*).

Jekk jiġi mitlub jagħmel hekk mill-awtorità kompetenti, l-operatur għandu juri, permezz ta' valutazzjoni tar-riskju li tieħu kont tal-kondizzjonijiet speċifiċi tas-sit, li ma hemmx bżonn li dawk il-limiti ta' konċentrazzjonijiet jiġu mnaqqsa aktar.

*Artikolu 14*

**Garanzija finanzjarja**

1. L-awtorità kompetenti għandha, qabel ma jinbdew kwalunkwe operazzjonijiet li jinvolvu l-akkumulu jew id-depożitu ta' skart ta' l-estrazzjoni ġo faċilità ta' l-iskart, titlob garanzija finanzjarja (p.e. f'forma ta' depożitu finanzjarju, inklużi fondi ta' garanzija reċiproka sponsorjati mill-industrija) jew l-ekwivalenti, skond proċeduri li jridu jiġu deċiżi mill-Istati Membri, sabiex:

(a) l-obbligi kollha taħt il-permess li jinħareġ skond din id-Direttiva, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' wara l-għeluq, jiġu sodisfatti;

(b) ikun hemm fondi faċilment disponibbli fi kwalunkwe ħin għar-riabilitazzjoni tas-sit.

2. Il-kalkolu tal-garanzija imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jsir abbażi ta':

(a) l-impatt ambjentali probabbli tal-faċilità ta' skart, filwaqt li jittieħed kont partikolarment tal-kategorija tal-faċilità ta' skart, tal-karatteristiċi ta' l-iskart u ta' l-użu futur ta' l-art riabilitata;

(b) il-presunzjoni li terzi partijiet indipendenti u kwalifikati kif xieraq jivvalutaw u jwettqu kwalunkwe xogħol ta' riabilitazzjoni meħtieġ.

3. L-ammont tal-garanzija għandu jiġi aġġustat b'mod xieraq skond ix-xogħol ta' riabilitazzjoni li jeħtieġ li jitwettaq fil-faċilità ta' l-iskart.

(*) Data msemmija f'Artikolu 25(1).
(**) Ħames snin mid-data msemmija f'Artikolu 25(1).
(***) Għaxar snin wara d-data msemmija f'Artikolu 25(1).

4. Fejn l-awtorità kompetenti tapprova l-għeluq skond l-Artikolu 12(3), għandha tipprovdi lill-operatur b' dikjarazzjoni bil-miktub li teħilsu mill-obbligu ta' garanzija msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bl-eċċezzjoni ta' l-obbligi ta' wara l-għeluq kif imsemmi fl-Artikolu 12(4).

*Artikolu 15*

**Responsabbiltà ambjentali**

Il-punt li ġej għandu jiżdied ma' l-Anness III tad-Direttiva 2004/35/KE kif ġej:

"13. L-immaniġġar ta' l-iskart ta' estrazzjoni skond id-Direttiva 2005/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart minn industriji ta' estrazzjoni (*).

(*) ĠU L … ."

*Artikolu 16*

**Effetti transkonfinali**

1. Meta Stat Membru li fih tinsab faċilità ta' skart jkun konxju li l-operazzjoni ta' faċilità ta' l-iskart ta' Kategorija A x'aktarx ikollha effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent ta', u kwalunkwe riskji li jirriżultaw għas-saħħa tal-bniedem fi, Stat Membru ieħor, jew meta Stat Membru li x'aktarx li jiġi effettwat b'dan il-mod jitlob hekk, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ġiet ppreżentata l-applikazzjoni għal permess skond l-Artikolu 7 għandu jibgħat l-informazzjoni provduta skond dak l-Artikolu lill-Istat Membru l-ieħor fl-istess waqt li fih jagħmilha disponibbli liċ-ċittadini tiegħu stess.

Tali informazzjoni għandha sservi ta' bażi għal kwalunkwe konsultazzjoni meħtieġa fil-kuntest ta' relazzjonijiet bilaterali bejn iż-żewġ Stati Membri fuq bażi reċiproka u ekwivalenti.

2. Fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 l-applikazzjonijiet huma wkoll disponibbli għal perjodu xieraq ta' żmien lill-pubbliku kkonċernat ta' l-Istat Membru li x'aktarx ikun ser jiġi affettwat sabiex ikollu d-dritt jikkummenta dwarhom qabel ma l-awtorità kompetenti tieħu d-deċiżjoni tagħha.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'każ ta' inċident li jkun jinvolvi faċilità ta' l-iskart kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-informazzjoni pprovduta mill-operatur lill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 6(4) ta' dan l-Artikolu tgħaddi immedjatament lill-Istat Membru l-ieħor sabiex tgħin biex jiġu minimizzati l-konsegwenzi ta' l-inċident għas-saħħa tal-bniedem u sabiex jiġi valutat u minimizzat il-grad tal-ħsara attwali jew potenzjali għall-ambjent.

*Artikolu 17*

**Ispezzjonijiet mill-awtorità kompetenti**

1. Qabel ma jibdew l-operazzjonijiet ta' depożitu u, wara dan, f'intervalli regolari, inkluża l-fażi ta' wara l-għeluq, li jiġu deċiżi mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorità kompetenti għandha tispezzjona kwalunkwe faċilità ta' l-iskart koperta bl-Artikolu 7 sabiex tiżgura li tikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti tal-permess. Riżultat affermattiv ma għandu b'ebda mod inaqqas mir-responsabbiltà ta' l-operatur taħt il-kondizzjonijiet tal-permess.

2. L-Istati Membri għandhom jitolbu li l-operatur iżomm reġistri aġġornati ta' l-operazzjonijiet kollha dwar l-amministrazzjoni ta' l-iskart u jagħmilhom disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtorità kompetenti u biex jiżgura li, f'każ ta' bidla ta' l-operatur matul l-amministrazzjoni ta' faċilità ta' l-iskart, ikun hemm trasferiment xieraq ta' l-informazzjoni u r-reġistri aġġornati rilevanti li għandhom x'jaqsmu mal-faċilità ta' skart.

*Artikolu 18*

**Obbligu ta' rappurtar**

1. L-Istati Membri għandhom, f'intervalli ta' tliet snin, jittrasmettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jiġi mfassal abbażi ta' kwestjonarju jew prospett li jiġi adottat mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(2). Ir-rapport għandu jiġi trasmess lill-Kummissjoni fi żmien disa' xhur mill-għeluq tal-perjodu tat-tliet snin li jkopri.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien disa' xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri.

2. Kull sena l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar avvenimenti nnotifikati mill-operaturi skond l-Artikoli 11(3) u 12(6). Il-Kummissjoni għandha tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri fuq talba tagħhom. Mingħajr ħsara għal-liġi Komunitarja dwar l-aċċess mill-pubbliku għal informazzjoni dwar l-ambjent, l-Istati Membri għandhom min-naħa tagħhom iqiegħdu l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-membri tal-pubbliku konċernati fuq talba tagħhom.

*Artikolu 19*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar pieni għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 20*

**Inventarju ta' faċilitajiet ta' l-iskart magħluqa**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir inventarju li perjodikament jiġi aġġornat tal-faċilitajiet ta' l-iskart magħluqa, inklużi faċilitajiet ta' l-iskart abbandunati, li jinsabu fit-territorju tagħhom li jikkaġunaw impatti negattivi ambjentali serji jew li għandhom il-potenzjal li fil-perjodu medju jew qasir ikunu ta' theddid serju għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Tali inventarju, li għandu jkun disponibbli lill-pubbliku, għandu jitwettaq fi żmien erba' snin minn … (*), filwaqt li jittieħed kont tal-metodoloġiji kif imsemmi fl-Artikolu 21, jekk disponibbli.

*Artikolu 21*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 23, għandha tiżgura li hemm skambju xieraq ta' informazzjoni teknika u xjentifika bejn l-Istati Membri, bl-iskop li jiġu żviluppati metodoloġiji dwar:

(a) l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 20;

(b) ir-riabilitazzjoni ta' dawk il-faċilitajiet ta' l-iskart magħluqin identifikati taħt l-Artikolu 20 sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva. Tali metodoloġiji għandhom jippermettu l-istabbiliment tal-proċeduri ta' valutazzjoni ta' riskju u l-azzjonijiet korrettivi l-aktar xierqa filwaqt li jittieħed kont tal-varjazzjoni tal-karatteristiċi ġeoloġiċi, idroġeoloġiċi u klimatoloġiċi madwar l-Ewropa.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti ssegwi l-iżviluppi fl-aqwa tekniki disponibbli jew tiġi infurmata dwarhom.

3. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati dwar l-aqwa tekniki disponibbli, il-monitoraġġ assoċjat u l-iżviluppi fihom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati dwar l-iskambju ta' informazzjoni.

*Artikolu 22*

**Miżuri implimentattivi u li jemendaw**

1. Sa … (**), il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(2), id-dispożizzjonijiet meħtieġa għal dan li ġej, waqt li (e), (f) u (g) jieħdu prijorità:

(a) l-armonizzazzjoni u t-trasmissjoni regolari ta' l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 7(5) u 12(6);

(b) l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 13(5), inklużi r-rekwiżiti tekniċi fir-rigward tad-definizzjoni taċ-ċjanur dissoċjabbli b'aċtu dgħajjef u l-metodu ta' kejl tiegħu;

(ċ) il-linji gwida tekniċi għall-istabbiliment tal-garanzija finanzjarja skond ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 14(2);

(d) il-linji gwida tekniċi għall-ispezzjonijiet skond l-Artikolu 17;

(e) l-ikkompletar tar-rekwiżiti tekniċi għall-karatterizzazzjoni ta' l-iskart li jinsabu fl-Anness II;

(f) l-interpretazzjoni tad-definizzjoni li tinsab f' punt 3 ta' l-Artikolu 3;

(g) id-definizzjoni tal-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-iskart skond l-Anness III;

(h) id-determinazzjoni ta' kwalunkwe standards armonizzati għall-metodi ta' ġbir ta' kampjuni u analiżi meħtieġa għall-implimentazzjoni teknika ta' din id-Direttiva.

2. Kwalunkwe emendi sussegwenti meħtieġa għall-adattament ta' l-Annessi għall-progress xjentifiku u tekniku għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(2).

Dawk l-emendi għandhom isiru bl-iskop li jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.

(*) Data msemmija f' Artikolu 25(1).

(**) Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva

*Artikolu 23*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE, minn issa 'l quddiem "il-Kumitat".

2. Fejn hemm riferiment għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 24*

**Dispożizzjoni transitorja**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe faċilità ta' l-iskart li tkun ngħatet permess jew li diġà tkun qed topera f' … (*) tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sa … (**), ħlief għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 14(1) li għalihom il-konformità trid tiġi żgurata sa … (***) u għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 13(5) li għalihom il-konformità trid tiġi żgurata skond il-programm ta' żmien stabbilit hemmhekk.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal faċilitajiet ta' skart li jkunu magħluqa sa … (**).

3. L-Artikoli 5 sa 11, 12(1), (2), (5) u (6), 13(4) u (5) u 14(1) sa (3) ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għal dawk il-faċilitajiet ta' skart li:

— waqfu milli jaċċettaw skart qabel … (**) jew,

— qed ilestu l-proċeduri ta' għeluq skond il-liġi Komunitarja jew nazzjonali applikabbli jew il-programmi approvati mill-awtorità kompetenti u

— sejrin ikunu effettivament magħluqa sal-31 ta' Diċembru 2010.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali każijiet sa … (****) u jiżguraw li dawn il-faċilitajiet jiġu amministrati b'mod li ma jippreġudikax il-kisba tal-miri ta' din id-Direttiva u dawk ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni Komunitarja oħra, inkluża d-Direttiva 2000/60/KE.

*Artikolu 25*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel … (*****). Għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew tali riferenza għandha takkumpanjahom meta jkunu ppubblikati uffiċjalment. Il-mod kif issir tali riferenza għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 26*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li tkun ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 27*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi …

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

(*) Data msemmija f' Artikolu 25(1).
(**) Erba' snin wara d-data msemmija f' Artikolu 25(1).
(***) Sitt snin wara d-data msemmija f' Artikolu 25(1).
(****) Tliet xhur wara d-data msemmija f' Artikolu 25 (1).
(*****) 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

*ANNESS I*

**Politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u informazzjoni li trid tiġi kkomunikata lill-pubbliku konċernat**

1. **Politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri**

Il-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u s-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà ta' l-operatur għandhom ikunu proporzjonati għall-perikli ta' inċidenti maġġuri li toħloq il-faċilità ta' l-iskart. Għall-iskop li jiġu implimentati, għandu jittieħed kont ta' l-elementi li ġejjin:

(1) Il-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta' azzjoni ta' l-operatur fir-rigward tal-kontroll ta' perikli ta' inċidenti maġġuri;

(2) is-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà għandha tinkludi l-parti tas-sistema ta' amministrazzjoni ġenerali li tinkludi l-istruttura ta' organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet, il-prattiċi, il-proċeduri, il-proċessi u r-riżorsi sabiex tiġi determinata u implimentata l-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri;

(3) il-kwistjonijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati mis-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà:

(a) l-organizzazzjoni u l-persunal — ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal involut fl-amministrazzjoni ta' perikli prinċipali fil-livelli kollha fl-organizzazzjoni; l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ ta' tali persunal u l-forniment tat-taħriġ identifikat b'dan il-mod; u l-involviment ta' l-impjegati u, fejn xieraq, tas-sotto-kuntratturi;

(b) l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' perikli prinċipali — l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri sabiex jiġu identifikati b'mod sistematiku l-perikli prinċipali li jinħolqu minn operazjonijiet normali u mhux normali u l-valutazzjoni tal-probabbiltà u tas-severità tagħhom;

(ċ) kontroll operazzjonali — l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-proċeduri u l-istruzzjonijiet għall-operazzjoni sigura, inklużi l-manutenzjoni ta' l-impjant, tal-proċessi, tat-tagħmir u l-waqfien temporanji;

(d) l-amministrazzjoni ta' bidliet — l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-ippjanar ta' modifiki f'faċilitajiet ta' l-iskart ġodda jew għad-disinn tagħhom;

(e) l-ippjanar għal każijiet ta' emerġenza — l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri sabiex jiġu identifikati emerġenzi previdibbli b'analiżi sistematika u sabiex jiġu ppreparati, ittestjati u riveduti pjanijiet ta' emerġenza biex iwieġbu għal tali emerġenzi;

(f) il-monitoraġġ tal-funzjonament — l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-valutazzjoni kontinwa tal-konformità ma' l-għanijiet stabbiliti mill-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u s-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà ta' l-operatur, u l-mekkaniżmi għall-investigazzjoni u għall-azzjoni korrettiva fil-każ ta' non-konformità. Il-proċeduri għandhom ikopru s-sistema ta' l-operatur li tirrapporta inċidenti maġġuri jew li kważi seħħew, partikolarment dawk li jinvolvu l-falliment ta' miżuri protettivi, u l-investigazzjoni u monitoraġġ tagħhom abbażi tal-lezzjonijiet meħuda;

(g) il-verifika u r-reviżjoni — l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-valutazzjoni sistematika u perjodika tal-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u l-effikaċja u l-adegwatezza tas-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà; ir-reviżjoni dokumentata tal-funzjonament tal-politika u s-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà u l-aġġornament tagħha mill-persunal amministrattiv għoli.

2. **Informazzjoni li trid tiġi komunikata lill-pubbliku konċernat**

(1) Isem ta' l-operatur u l-indirizz tal-faċilità ta' l-iskart.

(2) Identifikazzjoni, skond il-pożizzjoni okkupata, tal-persuna li tipprovdi l-informazzjoni.

(3) Il-konferma li l-faċilità ta' l-iskart hi soġġetta għar-regolamenti u/jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jimplimentaw din id-Direttiva u, meta applikabbli, li l-informazzjoni rilevanti għall-elementi msemmija fl-Artikolu 6(2) ġiet ippreżentata lill-awtorità kompetenti.

(4) Spjegazzjoni bi kliem ċar u sempliċi ta' l-attività jew attivitajiet li ssir/jsiru fuq is-sit.

(5) L-ismijiet komuni jew l-ismijiet ġeneriċi jew il-klassifikazzjoni ta' periklu ġenerali tas-sustanzi u tal-preparati involuti fil-faċilità ta' l-iskart kif ukoll ta' l-iskart li jista' jagħti lok għal inċidenti maġġuri, b'indikazzjoni tal-karatteristiċi perikolużi prinċipali tagħhom.

(6) L-informazzjoni Ġenerali dwar in-natura tal-perikli ta' inċidenti maġġuri, inkluż l-effetti potenzjali tagħhom fuq il-popolazzjoni u l-ambjent tal-viċinanzi.

(7) Informazzjoni adegwata dwar kif il-popolazzjoni konċernata tal-viċinanzi għandha tiġi avżata u tinżamm infurmata f'każ ta' inċident maġġuri.

(8) Informazzjoni adegwata dwar l-azzjonijiet li l-popolazzjoni konċernata għandha tieħu, u dwar l-imġieba li għandha tadotta f'każ ta' inċident maġġuri.

(9) Konferma li l-operatur hu meħtieġ jagħmel arranġamenti xierqa fuq is-sit, partikolarment flimkien mas-servizzi ta' emerġenza, sabiex ikun jista' jiffaċċja inċidenti maġġuri u jimminimizza l-effett tagħhom.

(10) Riferenza għall-pjan ta' emerġenza estern imfassal sabiex ilaħħaq ma' kwalunkwe effetti barra mis-sit minn inċident. Dan għandu jinkludi parir sabiex ikun hemm koperazzjoni ma' kwalunkwe istruzzjonijiet jew talbiet mis-servizzi ta' emerġenza fil-ħin ta' inċident.

(11) Dettalji ta' fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni rilevanti, bla ħsara għall-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

*ANNESS II*

**Karatterizzazzjoni ta' l-iskart**

L-iskart li għandu jiġi depożitat f'faċilità għandu jkun karatterizzat b'tali mod li tkun garantita għall-perjodu fit-tul l-istabbiltà fiżika u kimika ta' l-istruttura tal-faċilità u li jiġu evitati inċidenti maġġuri. Il-karatterizzazzjoni ta' l-iskart għandha tinkludi, fejn xieraq u skond il-kategorija tal-faċilità ta' skart, l-aspetti li ġejjin:

(1) Deskrizzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi mistennija ta' l-iskart li ser ikun depożitat fil-perjodu qasir u fil-perjodu fit-tul, b'riferenza partikolari għall-istabbiltà tiegħu taħt il-kondizzjonijiet atmosferiċi/meteoroloġiċi fil-wiċċ;

(2) Klassifikazzjoni ta' l-iskart skond l-annotazzjoni rilevanti fid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2000/532/KE ([1]), b'konsiderazzjoni partikolari għall-karatteristiċi perikolużi tiegħu;

(3) Deskrizzjoni tas-sustanzi kimiċi li jridu jintużaw waqt it-trattament tar-riżorsa minerali u l-istabbiltà tagħhom;

(4) Deskrizzjoni tal-metodu ta' depożitu;

(5) is-sistema ta' trasport ta' l-iskart li trid tintuża

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tibdel id-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skond l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabilixxi lista ta' skart perikoluż skond l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, tas-6.9.2000, p. 3.) Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/573/KE (ĠU L 203, tat-28.7.2001, p. 18).

*ANNESS III*

**Kriterji sabiex tiġi determinata l-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-iskart**

Faċilità ta' l-iskart għandha tiġi klassifikata fil-kategorija A jekk:

— ħsara jew operazzjoni ħażina, per eżempju l-kollass ta' borġ jew iċ-ċediment ta' diga, tista' tikkaġuna inċident maġġuri, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju filwaqt li jittieħed kont tal-fatturi bħad-daqs preżenti jew futur, il-lok u l-impatt ambjentali tal-faċilità ta' l-iskart; jew

— ikollha skart li jkun klassifikat bħala perikoluż taħt id-Direttiva 91/689/KEE 'l fuq minn ċertu limitu, jew

— ikollha sustanzi jew preparati li jkunu klassifikati bħala perikolużi taħt id-Direttivi 67/548/KEE jew 1999/45/KE 'l fuq minn ċertu limitu.

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ssottomettiet il-proposti tagħha lill-Kunsill fit-3 ta' Ġunju 2003 ([1]). Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 175(1) tat-Trattat.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-Opinjoni tiegħu fil-11 ta' Diċembru 2003 ([2]).

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-Opinjoni tiegħu fil-11 ta' Frar 2004 ([3]).

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-31 ta' Marzu 2004 ([4]).

5. Fit-12 ta'April, 2005 il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu skond l-Artikolu 251(2) tat-Trattat.

## II. L-GĦAN

L-għan tal-proposta huwa li jiġu stabbiliti ħtiġiet minimi sabiex jiġi mtejjeb il-mod ta' kif l-iskart mill-industrији estrattivi huwa mmaniġġat billi jiġu speċifikament indirizzati r-riskji ambjentali u r-riskji għas-saħħa tal-bniedem li jistgħu jirriżultaw mill-fażijiet ta' trattament, ta' rkupru u ta' rimi ta' tali skart. Għal dak il-għan il-proposta fiha l-elementi prinċipali li ġejjin: kondizzjonijiet għal permessi ta' operazzjoni, obbligi ġenerali li jkopru l-maniġġar ta' l-iskart, l-obbligu biex jiġi kkaratterizzat l-iskart qabel ma jintrema jew jiġi trattat, miżuri biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' faċilitajiet ta' maniġġar ta' l-iskart, ħtieġa biex jiġu mfassla pjanijiet ta' għeluq u obbligu li jkun previst livell xieraq ta' sigurtà finanzjarja.

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. *Ġenerali*

Il-pożizzjoni komuni hija sostanzjalment konformi mal-pożizzjonijet meħuda mill-Kummissjoni u l-Parlament, billi:

— tikkonferma l-għanijiet u l-elementi essenzjali kollha tal-proposta tal-Kummissjoni li kienu wkoll sostnuti mill-Parlament Ewropew;

— tieħu l-ikbar kont possibbli ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew billi taċċetta, kelma b'kelma jew fl-ispirtu, numru kbir ta' l-emendi tiegħu. B'mod partikolari, l-elementi ta' l-emendi marbuta mal-firxa ta' applikazzjoni tad-Direttiva, id-definizzjoni ta' faċilità ta' l-iskart, il-garanzija finanzjarja u l-inventarju ta' siti magħluqa ġew aċċettati fil-prinċipju mill-Kunsill, soġġetti għal xi aġġustamenti (ara l-paragrafu 2 għal kummenti speċifiċi).

### 2. *Emendi tal-Parlament Ewropew*

Fil-vot Plenarju tiegħu fil-31 ta' Marzu 2004, il-PE fl-ewwel qari adotta 74 emenda għall-proposta. Il-pożizzjoni komuni tinkorpora (totalment, parzjalment jew fil-prinċipju, permezz ta' kliem identiku jew simili, jew fl-ispirtu) 43 emenda.

(a) **L-emendi li ġew inkorporati jistgħu jitqassmu fi gruppi kif ġej** (l-emendi huma elenkati hawn taħt fl-ordni ta' l-inklużjoni tagħhom fil-pożizzjoni komuni)

<u>19-il emenda aċċettati (kważi) letteralment</u>: 3, 7, 11, 12, 14, 16, 28, 30, 32, 35, 39, 93, 50, 51, 52, 57, 59, 60, 75.

<u>24 emenda aċċettati parzjalment jew fl-ispirtu</u>.

([1]) Dok. 10143/03 - COM(2003) 319 finali
([2]) ĠU C 80, tat-30.3.2004, p. 35 - 38.
([3]) ĠU C 109, tat-30.4.2004, p. 33 - 45.
([4]) ĠU C 103 E, tad-29.4.2004, p. 634.

Premessi

*Emenda 2*: Ġie ċċarat li skart mill-industriji estrattivi jenħtieġ li jkun skart f'konformità mad-definizzjoni li hemm fid-Direttiva Kwadru dwar l-Iskart sabiex il-ħtiġiet minimi ta' din id-Direttiva japplikaw.

*Emenda 5*: Din l-emenda ġiet inkorporata b'xi tibdiliet żgħar biex tiġi żgurata l-konsistenza.

*Emenda 86*: Din l-emenda ġiet aċċettata fil-prinċipju (ara wkoll l-emenda 98). Barra minn hekk, għal skart mhux inert li mhux perikoluż, l-Istati Membri jkunu intitolati li jnaqqsu jew jirrinunzjaw ċerti rekwiżiti. Barra minn hekk, il-Kunsill iħoss li l-iskart li jirriżulta mill-estrazzjoni, mit-trattament u mill-ħażna ta' pit għandu wkoll ikun soġġett biss għal sett limitat ta' rekwiżiti.

*Emenda 6*: ara l-emendi 71-72.

Artikoli

*Emenda 13*: L-ispirtu ta' din l-emenda ġie inkorporat fil-premessa 8.

*Emenda 98*: Il-Parlament Ewropew ippropona li sett limitat ta' ħtiġiet japplika għal skart inert mhux perikoluż, ħamrija mhux imniġġsa u skart minn tiftix mhux perikoluż. Il-Kunsill aċċetta din l-emenda u ċċara li l-faċilitajiet ta' l-iskart tal-Kategorija A għandhom fi kwalunkwe każ ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill iħoss li l-iskart li jirriżulta mill-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' pit għandu jkun ukoll soġġett biss għal dan is-sett limitat ta' ħtiġiet. Barra minn hekk, il-Kunsill inkluda l-possibbiltà għal Stati Membri biex inaqqsu jew jirrinunzjaw ċerti ħtiġiet għal skart li mhux perikoluż u mhux inert, sakemm ma jkunx depożitat f'faċilità ta' l-iskart tal-Kategorija A.

*Emenda 17*: Il-proċess "termali" ġie miżjud mal-lista ta' proċessi mwettqa fuq riżorsi minerali bil-ħsieb ta' l-estrazzjoni tal-mineral.

*Emenda 21*: Il-Parlament Ewropew ippropona li ma japplika l-ebda perijodu ta' żmien għall-ħażna ta' skart qabel ma jkun jista' jikkwalifika bħala faċilità ta' l-iskart. Il-Kunsill aċċetta dan l-approċċ għall-faċilitajiet kollha ta' skart ta' Kategorija A u għall-faċilitajiet ta' skart perikoluż ikkaratterizzati fil-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart u ppreveda approċċ iżjed proporzjonat għall-kategoriji ta' skart inqas perikolużi.

*Emenda 25*: Il-minimizzazzjoni ta' skart estrattiv ġie inkluż flimkien mat-trattament, l-irkupru u r-rimi.

*Emenda 27*: L-ewwel parti ta' l-emenda ġiet aċċettata letteralment.

*Emenda 29*: L-ispirtu ta' din l-emenda ġie aċċettat; id-dettalji ġew imħassra billi kienu kkunsidrati wisq speċifiċi.

*Emenda 31*: L-emenda ġiet aċċettata soġġetta għal bidla żgħira fil-mod ta' kif inhu mpoġġi l-kliem.

*Emenda 36*: Din l-emenda kienet maħsuba li żżid rekwiżit biex jiġi inkluż rapport ta' sigurtà u pjan intern ta' emerġenza fil-politika ta' prevenzjoni ta' aċċidenti kbar mitluba taħt l-Artikolu 6(3). Fil-pożizzjoni komuni l-bżonn ta' rapport ta' sigurtà u pjan ta' emerġenza interna huwa introdott fl-Artikolu 5(3)(a) flimkien mal-pjan ta' aċċidenti kbar, li għandu jiġi inkluż f'dokument li jakkumpanja il-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart għal faċilitajiet ta' l-iskart ta' Kategorija A.

*Emenda 37*: L-ispirtu ta' din l-emenda ġie rifless fl-Artikolu 7(4), fejn iċ-ċirkostanzi kollha għal rikonsiderazzjoni u, fejn meħtieġ, l-aġġornar tal-kondizzjonijiet tal-permessi huma inklużi.

*Emenda 44*: Il-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ħamrija ġiet inkluża bħala waħda mill-miżuri li l-operatur għandu jieħu meta jkun qed ipoġġi lura skart estrattiv fil-ħofor tat-tħaffir għal għanijiet ta' riabilitazzjoni u kostruzzjoni.

*Emenda 47*: It-talba għal monitoraġġ u spezzjoni regolari tal-faċilità ta' l-iskart ġiet aċċettata.

*Emenda 63*: Il-Kunsill iffoka l-attenzjoni fuq emissjonijiet ta' trab u gass.

*L-emendi 66-67-68*: Dawn l-emendi jikkorrispondu fil-biċċa l-kbira ma' dak li l-Kunsill stabbilixxa fil-pożizzjoni komuni tiegħu: Il-proċeduri għall-istabbiliment ta' garanzija finanzjarja għandhom jiġu deċiżi mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha għal dak il-għan tistabbilixxi linji gwida tekniċi (l-Artikolu 22(1)(ċ)) u l-bidu ta' kwalunkwe operazzjoni ta' depożitu ta' skart f'faċilità ta' l-iskart mhux possibbli mingħajr garanzija (l-Artikolu 7(2)(d)). Il-kliem "garanzija finanzjarja (per eżempju f'forma ta' depożitu finanzjarju, inklużi fondi ta' garanzija reċiproka sponsorjati mill-industrija) jew ekwivalenti" ġie użat biex jittieħed kont tal-varjetà ta' sistemi legali fl-Istati Membri.

*Emenda 70*: Din l-emenda ġiet aċċettata soġġetta għas-salvagwardja li l-leġislazzjoni Komunitarja dwar aċċess pubbliku għal-leġislazzjoni ambjentali hija applikabbli.

*Emendi 71-72*: Il-Kunsill jaċċetta l-ispirtu ta' l-emenda li jiġi mfassal inventarju ta' faċilitajiet ta' l-iskart magħluqa li jikkawżaw impatti ambjentali serjament negattivi jew għandhom il-potenzjal li fil-perijodu medju jew qasir isiru theddida serja għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Fl-abbozzar mill-ġdid ta' l-emenda, il-Kunsill ipprova jirrikonċilja l-għanijiet ta' livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u l-minimizzazzjoni tal-piż burokratiku li jirriżulta mill-obbligu li jiġi mfassal tali inventarju.

*Emenda 76*: L-ewwel inċiż ta' l-Anness III reġa nkiteb bl-użu ta' kliem differenti b'referenza għal "aċċident kbir"; id-definizzjoni korrispondenti (l-Artikolu 3(16)) fiha l-kliem suġġerit mill-Parlament Ewropew.

(b) L-emendi li ġejjin ma ġewx inkorporati:

Premessi

*Emenda 4*: Il-Parlament Ewropew jipproponi li tiġi mħassra din il-premessa li tiċċara li d-Direttiva Kwadru dwar l-Iskart tkompli tapplika għal kwalunkwe aspett tal-maniġġar ta' skart estrattiv li mhux kopert minn din id-Direttiva.

*Emenda 8*: Il-Parlament Ewropew jipproponi li tiġi mħassra dispożizzjoni standard dwar il-prinċipju ta' sussidjarjetà li għandha tapplika għal din il-proposta.

Artikoli

*L-emendi 42, 43, 45*: Dawn l-emendi jmorru lil hinn mill-firxa ta' applikazzjoni tal-proposta. L-emenda 42 tkun tinkludi materjali mhux ta' skart; l-emendi 43 u 45 jestendu miżuri mmirati lejn l-iskart mitfugħ lura fil-ħofra ta' l-eskavazzjoni nnifisha.

*L-emendi 9, 90, 22, 24, 26, 34, 38, 40, 41, 48, 53, 55, 56, 61, 74*: Dawn l-emendi fihom kjarifikazzjonijiet li l-Kunsill jikkunsidra wisq dettaljati/preskrittivi biex jiġu inklużi f'direttiva jew li huma diġà inklużi f'artikoli oħra tal-proposta. L-emenda 90 ġiet inkluża fil-premessa 4.

*Emenda 65*: Il-Kunsill jikkunsidra li din l-emenda ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Emenda 69*: Din l-emenda tibdel il-kliem meħud mill-Konvenzjoni tan-NU dwar l-istima ta' l-impatt ambjentali transkonfini (Konvenzjoni Espoo).

*L-emendi 19, 20, 88*: Dawn l-emendi għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet lingwistiċi jew terminoloġiċi li ma kinux aċċettati mill-Kunsill biex tiġi żgurata konsistenza tul il-proposta kollha.

*L-emendi 46, 54, 58, 73*: Dawn l-emendi jinkludu referenzi għal-leġislazzjoni Komunitarja li hija fi kwalunkwe każ applikabbli; dawn l-istandards ambjentali Komunitarji għandhom fi kwalunkwe każ ikunu sodisfatti.

*Emendi 62 u 64*: L-Artikolu 13(4) diġà jitlob lill-Istati Membri biex jagħmlu r-rimi ta' skart ta' estrazzjoni fi kwalunkwe medda ta' ilma li jirċievi barra minn wieħed mibni għall-iskop li jintrema skart ta' estrazzjoni bil-kondizzjoni li l-operatur jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 76/464/KEE, 80/68/KEE u 2000/60/KE.

## IV. **KONKLUŻJONI**

Minkejja l-fatt li l-Kunsill mhux kapaċi jaċċetta l-emendi kollha adottati mill-Parlament Ewropew, jikkunsidra li l-pożizzjoni komuni tikkoinċidi b'mod estensiv mat-tħassib tal-Parlament u hija f'konformità mal-proposta emendata tal-Kummissjoni.

# POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 24/2005

## adottata mill-Kunsill fit-18 ta' April 2005

## bil-għan li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika) (id-19-il Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

(2005/C 172 E/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 137(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]), preżentata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Protezzjoni tas-Saħħa fuq ix-Xogħol,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Taħt it-Trattat il-Kunsill jista', permezz ta' direttivi, jadotta l-ħtiġijiet minimi għall-promozzjoni tat-titjib, speċjalment fl-ambjent tax-xogħol, li jiggarantixxi livell ogħla ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema. Tali direttivi għandhom jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali li jostakolaw il-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju.

(2) Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-programm ta' azzjoni tagħha konness ma' l-implimentazzjoni tal-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet Soċjali Fondamentali tal-Ħaddiema tipprevedi l-introduzzjoni ta' ħtiġijiet minimi ta' saħħa u ta' sigurtà fir-rigward ta' l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji kkawżati minn aġenti fiżiċi. F'Settembru ta' l-1990 il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar dan il-programm ta' azzjoni ([4]), li stiednet lill-Kummissjoni b'mod partikolari sabiex tfassal direttiva speċifika dwar ir-riskji kkawżati mill-ħsejjes, vibrazzjonijiet u kwalunkwe aġent fiżiku ieħor fil-post tax-xogħol.

(3) Bħala l-ewwel pass, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2002/44/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (vibrazzjoni) (is-sittax-il Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ([5]). Wara dan, fis-6 ta' Frar 2003, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2003/10/KE dwar il-ħtiġijiet minimi ta'saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss) (Is-Sbatax-il Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ([6]). Imbagħad, fid-29 ta' April 2004, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2004/40/KE dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà fir-rigward ta' l-espożizzjoni ta' ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (kampi elettromanjetiċi) (it-18-il Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ([7]).

(4) Attwalment qiegħda titqies meħtieġa l-introduzzjoni ta' miżuri li jipproteġu l-ħaddiema mir-riskji assoċjati mar-radjazzjoni ottika, minħabba l-effetti tagħha fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, b'mod partikolari l-ħsara lill-għajnejn u lill-ġilda. Dawn il-miżuri huma maħsuba mhux biss sabiex jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà ta' kull ħaddiem fuq bażi individwali, iżda wkoll sabiex joħolqu bażi minima ta' protezzjoni għall-ħaddiema kollha tal-Komunità, sabiex b'hekk jiġu evitati distorsjonijiet eventwali tal-kompetizzjoni.

(5) Din id-Direttiva tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi, u b'hekk tagħti lill-Istati Membri l-għażla li jibqgħu iżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti għall-protezzjoni tal-ħaddiema, b'mod partikolari l-fissazzjoni ta' valuri ta' limiti aktar baxxi ta' espożizzjoni. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhiex isservi sabiex tiġġustifika kwalunkwe regress fir-rigward tas-sitwazzjoni li diġà teżisti f'kull Stat Membru.

(6) Sistema ta' protezzjoni kontra l-perikli tar-radjazzjoni ottika għandha tillimita ruħha għad-definizzjoni, mingħajr dettall eċċessiv, ta' l-għanijiet li għandhom jinkisbu, tal-prinċipji li għandhom jiġu osservati u tal-valuri fondamentali li għandhom jiġu applikati, sabiex tippermetti lill-Istati Membri li japplikaw il-ħtiġijiet minimi b'mod ekwivalenti.

([1]) ĠU C 77, tat-18.3.1993, p. 12 u ĠU C 230, tad-19.8.1994, p. 3.
([2]) ĠU C 249, tat-13.9.1993, p. 28.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' April 1994 (ĠU C 128, tad-9.5.1994, p. 146) konfermata fis-16 ta' Settembru 1999 (ĠU C 54, tal-25.2.2000, p. 75), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-18 ta' April 2005 u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' …(li għadha ma ġietx pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU C 260, tal-15.10.1990, p. 167.
([5]) ĠU L 177, 6.7.2002, p. 13.
([6]) ĠU L 42, 15.2.2003, p. 38.
([7]) ĠU L 159, tat-30.4.2004, p.1 kif ikkoreġuta fil-ĠU L 184, 24.5.2004, p. 1.

(7) Il-livell ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika jista' jitnaqqas b'mod aktar effettiv billi jiġu inkorporati miżuri preventivi fil-proġettazzjoni ta' stazzjonijiet tax-xogħol u bl-għażla ta' tagħmir, proċeduri u metodi tax-xogħol sabiex tingħata prijorità lit-tnaqqis tar-riskji f'ras il-għajn. Id-dispożizzjonijiet konnessi ma' tagħmir u metodi tax-xogħol b'hekk jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ħaddiema involuti. Skond il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([1]), il-miżuri ta' protezzjoni kollettivi għandhom prijorità fuq miżuri ta' protezzjoni individwali.

(8) Min iħaddem għandu jagħmel adattamenti fid-dawl tal-progress tekniku u l-konoxxenza xjentifika fir-rigward ta' riskji konnessi ma' l-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika, bil-ħsieb li tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema.

(9) Billi din id-Direttiva hija direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE, dik id-Direttiva tapplika għall-espożizzjoni ta' ħaddiema għar-radjazzjoni ottika, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar stretti u/jew speċifiċi kontenuti f'din id-Direttiva.

(10) Din id-Direttiva tikkostitwixxi pass prattiku lejn il-ħolqien tad-dimensjoni soċjali tas-suq intern.

(11) Approċċ komplementari, kemm li jippromwovi prinċipji regolatorji aħjar kif ukoll li jiżgura livell ogħla ta' protezzjoni jista' jinkiseb fejn il-prodotti magħmula mill-manifatturi ta' fonti ta' radjazzjoni ottika u tat-tagħmir assoċjat ikunu konformi ma' standards armonizzati mfassla sabiex tkun protetta s-saħħa u s-sigurtà ta' l-utenti mill-perikli inerenti f'tali prodotti; għaldaqstant, mhuwiex meħtieġ li min iħaddem jirrepeti l-qisien jew il-kalkoli li diġà jkunu twettqu mill-manifattur sabiex tiġi determinata l-konformità mal-ħtiġijiet essenzjali ta' sigurtà ta' tali tagħmir kif speċifikat fid-Direttivi Komunitarji applikabbli.

(12) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([2]).

(13) Il-konformità mal-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni għandha tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni fir-rigward ta' l-effetti fuq is-saħħa li jistgħu jirriżultaw mill-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika. Madankollu, billi l-applikazzjoni ta' valuri ta' limiti ta' espożizzjoni u l-kontrolli tekniċi mhumiex kunsidrati opportuni fil-każ ta' espożizzjoni għal fonti naturali ta' radjazzjoni ottika, il-miżuri preventivi, inklużi l-informazzjoni u t-taħriġ għall-ħaddiema, huma kruċjali fl-istima tar-riskju u fit-tnaqqis tar-riskji derivanti mill-espożizzjoni għax-xemx.

(14) Skond il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar ta' liġijiet ([3]), Stati Membri huma mħeġġa sabiex ifasslu, għalihom infushom u fl-interessi tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jgħarrfu lill-pubbliku bihom,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

SEZZJONI I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**L-Għan u l-Kamp ta' Applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva, li hija d-19-il Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE, tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom li jirriżultaw jew li x'aktarx jirriżultaw mill-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika matul xogħolhom.

2. Din id-Direttiva tirreferi għar-riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema dovut għall-effetti dannużi kkawżati lill-għajnejn u lill-ġilda mill-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika.

3. Id-Direttiva 89/391/KEE għandha tapplika fl-intier tagħha għaż-żona kollha msemmija fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar stretti u/jew aktar speċifiċi kontenuti f'din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) radjazzjoni ottika: kwalunkwe radjazzjoni elettromanjetika fil-medda ta' wavelength bejn 100 nm u 1 mm. L-ispettru ta' radjazzjoni ottika huwa maqsum f'radjazzjoni ultravjola, radjazzjoni viżibbli u radjazzjoni infra-ħamra:

(i) radjazzjoni ultravjola: radjazzjoni ottika fil-medda ta' *wavelength* bejn 100nm u 400 nm. Ir-reġjun ultravjola huwa maqsum f'UVA (315-400 nm), UVB (280-315 nm) u UVC (100-280 nm);

([1]) ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.
([3]) ĠU C 321, tal-31.12.2003, p. 1.

(ii) radjazzjoni viżibbli: radjazzjoni ottika fil-medda ta' wavelength bejn 380 nm u 780 nm;

(iii) radjazzjoni infra-ħamra: radjazzjoni ottika fil-medda ta' *wavelength* bejn 780 nm u 1 mm. Ir-reġjun infra-aħmar huwa maqsum f'IRA (780-1 400 nm), IRB (1 400-3 000 nm) u IRC (3 000 nm-1mm);

(b) lażer (amplifikazzjoni tad-dawl bl-emissjoni stimulata ta' radjazzjoni): kwalunkwe apparat li jista' jintuża sabiex jipproduċi jew jamplifika radjazzjoni elettromanjetika fil-medda ta' *wavelength* tar-radjazzjoni ottika prinċipalment permezz tal-proċess ta' emissjoni stimulata kontrollata;

(ċ) radjazzjoni lażer: radjazzjoni ottika minn lażer;

(d) radjazzjoni non-koerenti: kwalunkwe radjazzjoni ottika li mhijiex radjazzjoni lażer;

(e) valuri ta' limiti ta' espożizzjoni: limiti fuq espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika li huma bbażati direttament fuq effetti stabbiliti fuq is-saħħa u konsiderazzjonijiet bioloġiċi. Il-konformità ma' dawn il-limiti tiżgura li ħaddiema esposti għal fonti artifiċjali ta' radjazzjoni ottika jkunu protetti kontra l-effetti kollha dannużi magħrufa kollha fuq is-saħħa;

(f) irradjanza (E) jew densità ta' potenza: il-qawwa ta' radjazzjoni inċidenti għal kull unità ta' erja fuq superfiċje espressa f'wotts kull metru kwadru ($W\ m^{-2}$);

(g) espożizzjoni radjanti (H): l-integral tal-ħin ta' l-irradjanza, espress f'*joules* għal kull metru kwadru ($J\ m^{-2}$);

(h) radjanza (L): il-fluss radjanti jew il-potenza għal kull unità ta' angolu solidu kull unità ta' erja, espress f'wotts kull metru kwadru kull steradjant ($W\ m^{-2}\ sr^{-1}$);

(i) livell: il-kombinazzjoni ta' irradjanza, espożizzjoni radjanti u radjanza li għaliha jkun espost ħaddiem.

*Artikolu 3*

**Valuri ta' limiti ta' espożizzjoni**

1. Il-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni għal radjazzjoni non-koerenti, ħlief għal dik emessa minn fonti naturali ta' radjazzjoni ottika, huma kif stabbiliti fl-Anness I.

2. Il-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni għal radjazzjoni lażer huma kif stabbiliti fl-Anness II.

SEZZJONI II

**OBBLIGI TA' MIN IĦADDEM**

*Artikolu 4*

**Identifikazzjoni ta' l-espożizzjoni u stima tar-riskji**

1. Fit-twettiq ta' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 6(3) u 9(1) tad-Direttiva 89/391/KEE, min iħaddem, fil-każ ta' ħaddiema esposti għal fonti artifiċjali ta' radjazzjoni ottika, għandu jistma u, jekk ikun meħtieġ, ikejjel u/jew jikkalkula l-livelli ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika li għaliha x'aktarx jiġu esposti l-ħaddiema sabiex jistgħu jiġu identifikati u applikati l-miżuri meħtieġa għar-restrizzjoni ta' l-espożizzjoni għal-limiti applikabbli. Il-metodoloġija applikata fl-istima, fil-kejl u/jew fil-kalkoli għandha tirrispetta l-istandards ta' l-International Electrotechnical Commission (IEC) fir-rigward tar-radjazzjoni lażer u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-International Commission on Illumination (CIE) u l-European Committee for Standardization (CEN) fir-rigward tar-radjazzjoni non-koerenti. F'sitwazzjonijiet ta' espożizzjoni li mhumiex koperti minn dawn l-istandards u rakkomandazzjonijiet, u sa meta jsiru disponibbli *standards* u rakkomandazzjonijiet adegwati ta' l-Unjoni Ewropea, l-istima, il-kejl u/jew il-kalkoli għandhom jitwettqu bl-użu tal-linji gwida xjentifikament fondati nazzjonali jew internazzjonali li huma disponibbli. Fiż-żewġ sitwazzjonijiet ta' espożizzjoni, l-istima tista' tieħu kont ta' *data* provduta mill-manifatturi tat-tagħmir meta din taqa' taħt Direttivi Komunitarji pertinenti.

2. Fit-twettiq ta' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 6(3) u 9(1) tad-Direttiva 89/391/KEE, min iħaddem, fil-każ ta' ħaddiema esposti għal fonti naturali ta' radjazzjoni ottika, għandu jistma r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati u applikati l-miżuri meħtieġa sabiex jimminimizzaw dawn ir-riskji.

3. L-istima, il-kejl u/jew il-kalkoli msemmija fil-paragrafu 1 u l-istima msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu ppjanati u mwettqa minn servizzi jew persuni kompetenti f'intervalli adegwati, b'kont meħud partikolarment tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 7 u 11 tad-Direttiva 89/391/KEE li tikkonċerna s-servizzi jew persuni kompetenti meħtieġa u l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema. Id-*data* miksuba mill-istimi, inkluża dik miksuba mill-kejl u/jew kalkoli tal-livell ta' espożizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi konservata f'forma adatta sabiex tippermetti konsultazzjoni fi stadju aktar tard.

4. Skond l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 89/391/KEE, min iħaddem għandu jagħti attenzjoni partikolari, meta jwettaq l-istima tar-riskju, lil dan li ġej:

(a) il-livell, medda ta' *wavelength* u t-tul ta' espożizzjoni għal fonti artifiċjali ta' radjazzjoni ottika;

(b) l-espożizzjoni għal fonti naturali ta' radjazzjoni ottika;

(ċ) il-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni msemmija fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva;

(d) kwalunkwe effett li jikkonċerna s-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema li jappartjenu għal gruppi partikolarment sensittivi għar-riskju;

(e) kwalunkwe effett possibbli fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jirriżulta minn interazzjonijiet bejn radjazzjoni ottika u sustanzi kimiċi fotosensibilizzanti fuq il-post tax-xogħol;

(f) kwalunkwe effett indirett bħal telf temporanju tal-vista, splużjoni jew nar;

(g) l-eżistenza ta' tagħmir alternattiv proġettat sabiex jitnaqqsu l-livelli ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika;

(h) sa fejn hu possibbli, informazzjoni adegwata miksuba matul sorveljanza tas-saħħa, inkluża informazzjoni pubblikata;

(i) fonti multipli ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika;

(j) klassifikazzjoni applikata għal lażer kif definit skond l-istandard pertinenti ta' l-*IEC* u, fir-rigward ta' kwalunkwe fonti artifiċjali li jista' jikkawża ħsara simili għal dik ta' *lażer* tal-klassi 3B jew 4, kwalunkwe klassifikazzjoni simili;

(k) informazzjoni provduta mill-manifatturi ta' fonti ta' radjazzjoni ottika u ta' tagħmir ta' xogħol assoċjat skond id-Direttivi Komunitarji pertinenti.

5. Min iħaddem għandu jippossjedi stima tar-riskju skond l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 89/391/KEE u għandu jidentifika liema miżuri għandhom jittieħdu skond l-Artikoli 5 u 6 ta' din id-Direttiva. L-istima tar-riskju għandha tiġi reġistrata fuq mezz adattat, skond il-liġi u l-prattika nazzjonali; hija tista' tinkludi ġustifikazzjoni minn min iħaddem li n-natura u l-entità tar-riskji konnessi mar-radjazzjoni ottika ma jirrikjedux stima dettaljata ulterjuri tar-riskju. L-istima tar-riskju għandha tiġi aġġornata fuq bażi regolari, partikolarment jekk ikun hemm bidliet sinifikanti li jistgħu jrenduha skaduta, jew fejn ir-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa juru li dan ikun meħtieġ.

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet intiżi sabiex jevitaw jew inaqqsu r-riskji**

1. B'kont meħud tal-progress tekniku u d-disponibbiltà ta' miżuri li jikkontrollaw ir-riskju f'ras il-għajn, ir-riskji li jirriżultaw mill-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika għandhom jiġu eliminati jew imnaqqsa għal minimu.

It-tnaqqis tar-riskji li jirriżultaw mill-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni stabbiliti fid-Direttiva 89/391/KEE.

2. Fejn l-istima tar-riskju mwettqa skond l-Artikolu 4(1) għal ħaddiema esposti għal fonti artifiċjali ta' radjazzjoni ottika tindika li l-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni jistgħu jinqabżu, min iħaddem għandu jfassal u jimplimenta pjan ta' azzjoni li jinkludi miżuri tekniċi u/jew organizzattivi li jieħdu kont b'mod partikolari ta':

(a) metodi oħra ta' xogħol li jnaqqsu r-riskju mir-radjazzjoni ottika;

(b) l-għażla ta' tagħmir b'inqas emissjoni ta' radjazzjoni ottika, b'kont meħud tax-xogħol li jrid isir;

(ċ) miżuri tekniċi sabiex titnaqqas l-emissjoni ta' radjazzjoni ottika li jinkludu, fejn jinħtieġ, l-użu ta' interlokkijiet, ilqugħ protettiv jew mekkaniżmi simili ta' protezzjoni tas-saħħa;

(d) programmi adegwati ta' manutenzjoni għat-tagħmir tax-xogħol, għal postijiet tax-xogħol u sistemi ta' stazzjonijiet tax-xogħol;

(e) il-proġettazzjoni u l-arranġament tal-postijiet u stazzjonijiet tax-xogħol;

(f) il-limitazzjoni tad-dewmien u l-livell ta' l-espożizzjoni;

(g) id-disponibbiltà ta' tagħmir adegwat ta' protezzjoni personali;

(h) l-istruzzjonijiet tal-manifattur tat-tagħmir fejn dan huwa kopert minn Direttivi Komunitarji pertinenti.

3. Fejn l-istima tar-riskju mwettqa skond l-Artikolu 4(2) tindika riskju għall-ħaddiema esposti għal fonti naturali ta' radjazzjoni ottika, min iħaddem għandu jfassal u jimplimenta pjan ta' azzjoni li jinkludi miżuri tekniċi u/jew organizzattivi sabiex ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà jitnaqqsu għal minimu.

4. Abbażi ta' l-istima tar-riskju mwettqa skond l-Artikolu 4, il-postijiet tax-xogħol fejn il-ħaddiema jistgħu jiġu esposti għal livelli ta' radjazzjoni ottika minn fonti artifiċjali li jaqbżu l-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni għandhom ikunu indikati b'sinjali xierqa skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/58/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi għall-provvista ta' sinjali tas-sigurtà u/jew tas-saħħa fuq ix-xogħol (id-9 Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ([1]). Iż-żoni in kwistjoni għandhom jiġu identifikati, u l-aċċess għalihom limitat fejn dan ikun teknikament possibbli u fejn ikun hemm riskju li l-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni jistgħu jinqabżu.

([1]) ĠU L 245, tas-26.8.1992, p. 23.

5. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda minn min iħaddem sabiex jikkonforma ma' din id-Direttiva fir-rigward ta' fonti artifiċjali ta' radjazzjoni ottika, il-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni jinqabżu, min iħaddem għandu jieħu azzjoni minnufih sabiex inaqqas l-espożizzjoni għal taħt il-valuri tal-limiti. Min iħaddem għandu jidentifika r-raġunijiet li għalihom il-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni jkunu nqabżu u għandu jadatta skond kif meħtieġ il-miżuri ta' protezzjoni u prevenzjoni sabiex jevita li dawn jerġgħu jinqabżu. Fi kwalunkwe każ, il-ħaddiema ma għandhomx jiġu esposti għal valuri ta' espożizzjoni ogħla mill-valuri tal-limiti.

6. Bis-saħħa ta' l-Artikolu 15 tad-Direttiva 89/391/KEE, min iħaddem għandu jadatta l-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għall-ħtiġijiet ta' ħaddiema li jappartjenu għal gruppi partikolarment sensittivi għar-riskju.

*Artikolu 6*

**Informazzjoni u taħriġ għall-ħaddiema**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 10 u 12 tad-Direttiva 89/391/KEE, min iħaddem għandu jiżgura li ħaddiema li huma esposti għal riskji minn radjazzjoni ottika fuq ix-xogħol u/jew ir-rappreżentanti tagħhom jirċievu kwalunkwe informazzjoni u taħriġ meħtieġ konness mar-riżultat ta' l-istima tar-riskju previst fl-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva, li jikkonċernaw b'mod partikolari:

(a) il-miżuri meħuda sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva;

(b) il-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni u r-riskji potenzjali assoċjati;

(ċ) ir-riżultati ta' l-istima, tal-kejl u/jew tal-kalkoli tal-livelli ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika mwettqa skond l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva flimkien ma' spjegazzjoni tas-sinifikat tagħhom u r-riskji potenzjali;

(d) kif jiġu individwati effetti dannużi għas-saħħa ta' espożizzjoni u kif jiġu rapportati;

(e) iċ-ċirkostanzi li fihom ħaddiema ikollhom id-dritt ta' sorveljanza tas-saħħa;

(f) prattiki tax-xogħol mingħajr periklu sabiex jiġu minimizzati r-riskji mill-espożizzjoni;

(g) l-użu korrett ta' tagħmir adegwat ta' protezzjoni personali.

*Artikolu 7*

**Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema**

Il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u/jew tar-rappreżentanti tagħhom għandhom isiru skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva 89/391/KEE dwar il-materji koperti minn din id-Direttiva.

SEZZJONI III

**DISPOŻIZZJONIJIET VARJI**

*Artikolu 8*

**Sorveljanza tas-saħħa**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tad-Direttiva 89/391/KEE, l-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet sabiex jiżguraw is-sorveljanza adegwata tas-saħħa tal-ħaddiema fejn ir-riżultat ta' l-istima tar-riskju prevista fl-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva jindika riskju sinifikanti għas-saħħa tagħhom. Dawk id-dispożizzjonijiet, inklużi l-ħtiġijiet speċifikati għad-dokumentazzjoni medika u d-disponibbiltà tagħha, għandhom jiġu introdotti skond il-liġi u/jew prattika nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti sabiex jiżguraw li, għal kull ħaddiem sottopost għal sorveljanza skond il-paragrafu 1, issir u tinżamm aġġornata dokumentazzjoni medika individwali. Id-dokumentazzjoni medika għandha tikkontjeni sommarju tar-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa mwettqa. Hija għandha tinżamm f'forma adatta sabiex tippermetti l-konsultazzjoni aktar tard, b'kont meħud ta' kull konfidenzjalità meħtieġa. Għandhom jiġu provduti kopji tad-dokumentazzjoni adegwata lill-awtorità kompetenti jekk jiġu mitluba, b'kont meħud ta' kull konfidenzjalità meħtieġa. Il-ħaddiema individwali għandhom, fuq talba tagħhom, ikollhom aċċess għad-dokumentazzjoni medika personali tagħhom stess.

3. Fejn, bħala riżultat ta' sorveljanza tas-saħħa, ħaddiem jinstab li jkollu marda identifikabbli jew ibati minn effett dannuż għas-saħħa li tabib jew speċjalist fil-mediċina okkupazzjonali jattribwixxi għall-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika fuq ix-xogħol:

(a) il-ħaddiem għandu jiġi infurmat mit-tabib jew minn persuna adegwatament kwalifikata oħra bir-riżultat li jirrigwarda lilu personalment. Huwa għandu, b'mod partikolari, jirċievi informazzjoni u pariri rigward kull sorveljanza tas-saħħa li għaliha għandu jissottometti ruħu wara t-tmiem ta' l-espożizzjoni;

(b) min iħaddem għandu jiġi infurmat dwar kwalunkwe fatt sinifikattiv li jinstab bis-sorveljanza tas-saħħa, b'kont meħud ta' kull konfidenzjalità medika meħtieġa;

(ċ) min iħaddem għandu:

— jirrivedi l-istima tar-riskju mwettqa skond l-Artikolu 4,

— jirrivedi l-miżuri previsti sabiex jiġu eliminati jew jitnaqqsu r-riskji skond l-Artikolu 5,

— jieħu kont tal-pariri tas-speċjalista fil-mediċina okkupazzjonali jew ta' persuna adegwatament kwalifikata oħra jew ta' l-awtorità kompetenti fl-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura meħtieġa sabiex jiġi eliminat jew jitnaqqas ir-riskju skond l-Artikolu 5, inkluża l-possibbiltà li jiġi assenjat lill-ħaddiem xogħol alternattiv li ma jinvolvi l-ebda riskju ta' espożizzjoni li taqbeż il-valur pertinenti ta' limitu ta' espożizzjoni, u

— jirranġa li titkompla s-sorveljanza tas-saħħa u jipprovdi għal reviżjoni ta' l-istat ta' saħħa ta' kwalunkwe ħaddiem ieħor li jkun ġie espost bl-istess mod. F'każijiet bħal dawn, it-tabib kompetenti jew l-ispeċjalista fil-mediċina okkupazzjonali jew l-awtorità kompetenti jistgħu jipproponu li l-persuni esposti jiġu sottoposti għal eżami mediku.

*Artikolu 9*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal penali adegwati li jkunu applikabbli fil-każ ta' ksur tal-leġislazzjoni nazzjonali adottata bis-saħħa ta' din id-Direttiva. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 10*

**Emendi tekniċi**

1. Kwalunkwe modifika tal-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni stabbiliti fl-Annessi għandha tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 137(2) tat-Trattat.

2. L-emendi lill-Annessi ta' natura strettament teknika konformi ma':

(a) l-adozzjoni ta' Direttivi fil-qasam ta' l-armonizzazzjoni teknika u l-istandardizzazzjoni fir-rigward tal-proġettazzjoni, tal-bini, tal-manifattura jew tal-kostruzzjoni ta' tagħmir tax-xogħol u/jew postijiet ta' xogħol;

(b) progress tekniku, bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali jew l-*istandards* armonizzati Ewropej l-aktar pertinenti, u skoperti xjentifiċi ġodda li jikkonċernaw l-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika fuq ix-xogħol,

għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 11*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 89/391/KEE.

2. Fejn isir riferiment għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

SEZZJONI IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 12*

**Rapporti**

Kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport dwar l-implimentazzjoni prattika ta' din id-Direttiva, li jindika l-opinjonijiet ta' l-imsieħba soċjali.

Kull ħames snin il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tas-Saħħa fuq ix-Xogħol dwar il-kontenut ta' dawn ir-rapporti, dwar il-valutazzjoni tagħha ta' l-iżviluppi fil-qasam in kwistjoni u dwar kwalunkwe azzjoni li tista' tkun ġustifikata fid-dawl ta' tagħrif xjentifiku ġdid.

*Artikolu 13*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa … (*). Huma għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni dwarhom.

(*) 4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jikkontjenu riferiment għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali riferiment fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif isir tali riferiment għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw jew li jkunu diġà adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 15*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

*ANNESS 1*

**RADJAZZJONI OTTIKA NON-KOERENTI**

Il-valuri tal-limiti bijo-fiżikament pertinenti ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika jistgħu jiġu determinati bil-formoli ta' hawn taħt. Il-formoli li għandhom jintużaw jiddependu mill-medda ta' radjazzjoni emessa mill-fonti u r-riżultati għandhom jitqabblu mal-valuri tal-limiti ta' espożizzjoni korrispondenti indikati fit-Tabella 1.1. Aktar minn valur wieħed ta' espożizzjoni u limitu ta' espożizzjoni korrispondenti jistgħu jkunu pertinenti għal xi fonti partikolari ta' radjazzjoni ottika.

Is-sekwenza (a) sa (o) tirreferu għas-sekwenza korrispondenti fit-Tabella 1.1.

(a) $$H_{Eff} = \int_{0}^{t} \int_{\lambda=180nm}^{\lambda=400nm} E_\lambda\ (\lambda,t) \cdot S(\lambda) \cdot d\lambda \cdot dt$$ (Heff hija pertinenti biss fil-medda 180 sa 400 nm)

(b) $$H_{UVA} = \int_{0}^{t} \int_{\lambda=315nm}^{\lambda=400nm} E_\lambda\ (\lambda,t) \cdot d\lambda \cdot dt$$ (HUVA hija pertinenti biss fil-medda 315 sa 400 nm)

(ċ), (d) $$L_B = \int_{\lambda=300nm}^{\lambda=700nm} L_\lambda\ (\lambda) \cdot B(\lambda) \cdot d\lambda$$ (LB hija pertinenti biss fil-medda 300 sa 700 nm)

(e), (f) $$E_B = \int_{\lambda=300nm}^{\lambda=700nm} E_\lambda\ (\lambda) \cdot B(\lambda) \cdot d\ \lambda$$ (EB hija pertinenti biss fil-medda 300 sa 700 nm)

(g) sa (l) $$L_R = \int_{\lambda_1}^{\lambda_2} L_\lambda\ (\lambda) \cdot R(\lambda) \cdot d\lambda$$ (Ara t-Tabella 1.1 għall-valuri adatti ta' $\lambda_1$ u $\lambda_2$)

(m), (n) $$E_{IR} = \int_{\lambda=780\ nm}^{\lambda=3000\ nm} E_\lambda\ (\lambda) \cdot d\lambda$$ (EIR hija pertinenti biss fil-medda 780 sa 3000 nm)

(o) $$H_{skin} = \int_{0}^{t} \int_{\lambda=380\ nm}^{\lambda=3000\ nm} E_\lambda\ (\lambda,\ t) \cdot d\lambda \cdot dt$$ (Hskin hija pertinenti biss fil-medda 380 sa 3000 nm)

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-formoli ta' hawn fuq jistgħu jiġu sostitwiti bl-espressjonijiet li ġejjin u bl-użu ta' valuri diskreti kif stabbilit fit-tabelli li ġejjin:

(a) $$E_{eff} = \sum_{\lambda=180\ nm}^{\lambda=400\ nm} E_\lambda \cdot S(\lambda) \cdot \Delta\lambda$$ u $H_{eff} = E_{eff} \cdot \Delta t$

(b) $$E_{UVA} = \sum_{\lambda=315\ nm}^{\lambda=400\ nm} E_\lambda \cdot \Delta\lambda$$ u $H_{UVA} = E_{UVA} \cdot \Delta t$

(ċ), (d) $$L_B = \sum_{\lambda=300\ nm}^{\lambda=700\ nm} L_\lambda \cdot B(\lambda) \cdot \Delta\lambda$$

(e), (f) $$E_B = \sum_{\lambda=300\ nm}^{\lambda=700\ nm} E_\lambda \cdot B(\lambda) \cdot \Delta\lambda$$

(g) sa (l) $$L_R = \sum_{\lambda_1}^{\lambda_2} L_\lambda \cdot R(\lambda) \cdot \Delta\lambda$$ (Ara t-Tabella 1.1 għall-valuri adatti ta' $\lambda_1$ u $\lambda_2$)

(m), (n) $$E_{IR} = \sum_{\lambda=780\ nm}^{\lambda=3000\ nm} E_\lambda \cdot \Delta\lambda$$

(o) $$H_{skin} = \sum_{\lambda=780\ nm}^{\lambda=3000\ nm} E_\lambda \cdot \Delta t$$ u $H_{skin} = E_{skin} \cdot \Delta t$

*Noti:*

El (λ,t), El — *irradjanza spettrali jew densità ta' potenza spettrali:* il-potenza radjanti inċidenti kull unità ta' *area*, espressa f'*wotts* kull metru kwadru kull nanometru [W $m^{-2}$ $nm^{-1}$]; il-valuri ta' El (λ,t) u Eλ huma riżultat ta' kejl jew jistgħu jiġu provduti mill-manifattur tat-tagħmir;

Eeff — *irradjanza effettiva (medda UV):* l-irradjanza kalkulata fil-medda ta' *wavelength* ta' UV ta' 180 sa 400 nm peżati spettralment b'S (λ), espressa f'wotts kull metru kwadru [W $m^{-2}$];

H — *espożizzjoni radjanti*, l-integral tal-ħin ta' l-irradjanza, espressa f'*joules* kull metru kwadru [J $m^{-2}$];

Heff — *espożizzjoni radjanti effettiva:* l-espożizzjoni radjanti peżata b'S (λ), espressa f'*joules* kull metru kwadru (J $m^{-2}$);

EUVA — *irradjanza totali (UVA):* l-irradjanza kalkulata fil-medda ta' *wavelength* ta' UVA ta' 315 sa 400 nm, espressa f'wotts kull metru kwadru [W $m^{-2}$];

HUVA — *espożizzjoni radjanti*, l-integral tal-ħin u tal-*wavelength* jew is-somma ta' l-irradjanza fil-medda ta' *wavelengths* bejn 315 u 400 nm ta' l-UVA, espressa f'*joules* kull metru kwadru [J $m^{-2}$];

S (λ) — *fattur tal-piż spettrali*, jieħu kont tad-dipendenza fuq il-*wavelength* ta' l-effetti fuq is-saħħa tar-radjazzjoni UV fuq l-għajnejn u l-ġilda, (Tabella 1.2) [mingħajr dimensjoni];

t, Δt — *ħin, tul ta' ħin ta' l-espożizzjoni*, espress f'sekondi [s];

λ — *wavelength*, espress f'nanometri [nm];

Δ λ — *medda ta' frekwenzi*, espressa f'nanometri [nm], ta' l-intervalli tal-kalkolu jew tal-kejl

Ll (λ), Lλ — *radjanza spettrali* tal-fonti esspressa f'wotts kull metru kwadru kull steradjant kull nanometru [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$ $nm^{-1}$];

R (λ) — *fattur ta' piż spettrali*, jieħu kont tad-dipendenza fuq il-*wavelength* tal-leżjoni termika kawżata lill-għajn minn radjazzjoni viżibbli u IRA (Tabella 1.3) [mingħajr dimensjoni];

LR — *radjanza effettiva* (leżjoni termika): radjanza kalkulata b'fattur ta' piż spettrali ta' R (λ) espressa f'wotts kull metru kwadru kull steradjant [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$];

B (λ) — *fattur ta' piż spettrali*, jieħu kont tad-dipendenza fuq il-*wavelength* tal-leżjoni fotokimika kawżata lill-għajn minn radjazzjoni b'dawl blu (Tabella 1.3) [mingħajr dimensjoni];

LB — *radjanza effettiva (dawl blu)*: radjanza kalkulata b'fattur ta' piż spettrali ta' B (λ), espressa f'wotts kull metru kwadru kull steradjant [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$];

EB — *irradjanza effettiva (dawl blu)*: irradjanza kalkulata b'fattur ta' piż spettrali ta' B (λ) espressa f'wotts kull metru kwadru [W $m^{-2}$];

EIR — *irradjanza totali (leżjoni termika)*: l-irradjanza kalkulata fil-medda ta' *wavelengths* ta' l-infra-aħmar bejn 780 nm u 3 000 nm espressa f'*wotts* kull metru kwadru [W $m^{-2}$];

Eskin — *irradjanza totali (viżibbli, IRA u IRB):* l-irradjanza kalkulata fil-medda ta' *wavelengths* viżibbli u ta' l-infra-aħmar bejn 380 nm u 3 000 nm, espressa f'wotts kull metru kwadru [W $m^{-2}$];

Hskin — *espożizzjoni radjanti*, l-integral tal-ħin u tal-*wavelength* jew is-somma ta' l-irradjanza fil-medda ta' *wavelengths* viżibbli u ta' l-infra-aħmar bejn 380 u 3 000 nm, espressa f'*joules* kull metru kwadru [J $m^{-2}$];

α — *angolu apparenti:* l-angolu kopert minn fonti apparenti, kif jidher f'punt fl-ispazju, espress f'milliradjani (mrad). Il-fonti apparenti huwa l-oġġett reali jew virtwali li jifforma l-iċken xbiha possibbli fuq ir-retina.

*Tabella 1.1:*

**Valuri ta' limiti ta' espożizzjoni għal radjazzjoni ottika non-koerenti**

| Indiċi | *Wavelength* nm | Valur ta' limitu ta' espożizzjoni: | Unitajiet | Kumment | Parti tal-ġisem | Riskju |
|---|---|---|---|---|---|---|
| a. | 180-400<br>(UVA, UVB u UVC) | Heff = 30<br>Valur kull jum 8 sigħat | [J $m^{-2}$] | | għajn kornea<br>konġunktiva<br>lentiġilda | fotokeratite<br>konġunktivite<br>katarrettoġenesi<br>eritema<br>elastosi<br>kanċer tal-ġilda |
| b. | 315-400<br>(UVA) | HUVA = $10^4$<br>Valur kull jum 8 sigħat | [J $m^{-2}$] | | għajn lenti | katarrettoġenesi |
| c. | 300-700<br>(Dawl blu)<br>*ara nota 1* | $L_B = \frac{10^6}{t}$<br>għal t≤ 10 000 s | LB:[W $m^{-2}$ $sr^{-1}$]<br>t: [sekondi] | għal α ≥ 11 mrad | għajn retina | fotoretinite |
| d. | 300-700<br>(Dawl blu)<br>*ara nota 1* | LB = 100<br>għal t≤ 10 000 s | [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$] | | | |
| e. | 300-700<br>(Dawl blu)<br>*ara nota 1* | $E_B = \frac{100}{t}$<br>għal t≤ 10 000 s | EB: [W $m^{-2}$]<br>t: sekondi] | għal α < 11 mrad<br>*ara nota 2* | | |
| f. | 300-700<br>(Dawl blu)<br>*ara nota 1* | EB = 0.01<br>t >10000 s | [W $m^{-2}$] | | | |
| g. | 380-1 400<br>(Viżibbli u IRA) | $L_R = \frac{2,8\ 10^7}{C_\alpha}$<br>għal t≤ 10 s | [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$] | Cα = 1.7 għal<br>α ≤ 1.7 mrad<br>Cα = α għal<br>1.7 ≤ α ≤ 100 mrad<br>Cα = 100 għal<br>α > 100 mrad<br>λ1= 380; λ2= 1400 | għajn retina | ħruq tar-retina |
| h. | 380-1 400<br>(Viżibbli u IRA) | $L_R = \frac{5\ 10^7}{C_\alpha\ t^{0.25}}$<br>għal 10 µs ≤ t ≤ 10 s | LR:[W $m^{-2}$ $sr^{-1}$]<br>t: sekondi] | | | |
| i. | 380-1 400<br>(Viżibbli u IRA) | $L_R = \frac{8,89\ 10^8}{C_\alpha}$<br>għal t <10 µs | [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$] | | | |
| j. | 780-1 400<br>(IRA) | $L_R = \frac{6\ 10^6}{C_\alpha}$<br>għal t > 10 s | [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$] | Cα = 11 għal<br>α ≤ 11 mrad<br>Cα = α għal<br>11≤ α ≤ 100 mrad<br>Cα = 100 għal<br>α > 100 mrad<br>(kamp ta' vista tal-kejl: 11 mrad)<br>λ1= 780; λ2= 1400 | għajn retina | ħruq tar-retina |
| k. | 780-1 400<br>(IRA) | $L_R = \frac{5\ 10^7}{C_\alpha\ t^{0.25}}$<br>għal 10 µs ≤ t ≤ 10 s | LR: [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$]<br>t: sekondi] | | | |
| l. | 780-1 400<br>(IRA) | $L_R = \frac{8,89\ 10^8}{C_\alpha}$<br>għal t < 10 µs | [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$] | | | |
| m. | 780-3 000<br>(IRA u IRB) | EIR = 18 000*$t^{-0.75}$<br>għal t ≤ 1 000 s | E: [$Wm^{-2}$]<br>t: sekondi] | | għajn kornea<br>lenti | ħruq tal-kornea<br>katarrettoġenesi |
| n. | 780-3 000<br>(IRA u IRB) | EIR = 100<br>għal t > 1000 s | [W $m^{-2}$] | | | |
| o. | 380-3 000<br>(Viżibbli, IRA u IRB) | Hskin = 20 000*$t^{0.25}$<br>għal t < 10 s | H: [J $m^{-2}$]<br>t: sekondi] | | ġilda | ħruq |

*Nota 1:* Il-medda ta' 300 sa 700 nm tkopri partijiet ta' l-UVB, l-UVA kollha u l-biċċa kbira tar-radjazzjoni viżibbli; madankollu, il-periklu assoċjat huwa normalment imsejjah riskju minn "*dawl blu*". Fis-sens strett, id-dawl blu jkopri biss il-medda ta' madwar 400 sa 490 nm.

*Nota 2:* Għall-fissazzjoni kostanti fuq fonti żgħar ħafna b'angolu apparenti < 11mrad, LB jista' jiġi kkonvertit għal EB. Dan normalment japplika biss għal strumenti oftalmiċi jew għal għajn stabilizzata waqt anestesija. Il-"hin ta' fissazzjoni"massimu jinstab hekk: tmax = 100/EB fejn EB huwa espress bħala W $m^{-2}$. Minħabba l-movimenti ta' l-għajn waqt kompiti viżivi normali, dan ma jeċċedix il-100s.

*Tabella 1.2*

**S (λ) [mingħajr dimensjoni], 180 nm sa 400 nm**

| λ f'nm | S (λ) | λ f'nm | S (λ) | λ f'nm | S (λ) | λ f'nm | S (λ) | λ f'nm | S (λ) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 180 | 0,0120 | 225 | 0,1500 | 270 | 1,0000 | 315 | 0,0030 | 360 | 0,000130 |
| 181 | 0,0126 | 226 | 0,1583 | 271 | 0,9919 | 316 | 0,0024 | 361 | 0,000126 |
| 182 | 0,0132 | 227 | 0,1658 | 272 | 0,9838 | 317 | 0,0020 | 362 | 0,000122 |
| 183 | 0,0138 | 228 | 0,1737 | 273 | 0,9758 | 318 | 0,0016 | 363 | 0,000118 |
| 184 | 0,0144 | 229 | 0,1819 | 274 | 0,9679 | 319 | 0,0012 | 364 | 0,000114 |
| 185 | 0,0151 | 230 | 0,1900 | 275 | 0,9600 | 320 | 0,0010 | 365 | 0,000110 |
| 186 | 0,0158 | 231 | 0,1995 | 276 | 0,9434 | 321 | 0,000819 | 366 | 0,000106 |
| 187 | 0,0166 | 232 | 0,2089 | 277 | 0,9272 | 322 | 0,000670 | 367 | 0,000103 |
| 188 | 0,0173 | 233 | 0,2188 | 278 | 0,9112 | 323 | 0,000540 | 368 | 0,000099 |
| 189 | 0,0181 | 234 | 0,2292 | 279 | 0,8954 | 324 | 0,000520 | 369 | 0,000096 |
| 190 | 0,0190 | 235 | 0,2400 | 280 | 0,8800 | 325 | 0,000500 | 370 | 0,000093 |
| 191 | 0,0199 | 236 | 0,2510 | 281 | 0,8568 | 326 | 0,000479 | 371 | 0,000090 |
| 192 | 0,0208 | 237 | 0,2624 | 282 | 0,8342 | 327 | 0,000459 | 372 | 0,000086 |
| 193 | 0,0218 | 238 | 0,2744 | 283 | 0,8122 | 328 | 0,000440 | 373 | 0,000083 |
| 194 | 0,0228 | 239 | 0,2869 | 284 | 0,7908 | 329 | 0,000425 | 374 | 0,000080 |
| 195 | 0,0239 | 240 | 0,3000 | 285 | 0,7700 | 330 | 0,000410 | 375 | 0,000077 |
| 196 | 0,0250 | 241 | 0,3111 | 286 | 0,7420 | 331 | 0,000396 | 376 | 0,000074 |
| 197 | 0,0262 | 242 | 0,3227 | 287 | 0,7151 | 332 | 0,000383 | 377 | 0,000072 |
| 198 | 0,0274 | 243 | 0,3347 | 288 | 0,6891 | 333 | 0,000370 | 378 | 0,000069 |
| 199 | 0,0287 | 244 | 0,3471 | 289 | 0,6641 | 334 | 0,000355 | 379 | 0,000066 |
| 200 | 0,0300 | 245 | 0,3600 | 290 | 0,6400 | 335 | 0,000340 | 380 | 0,000064 |
| 201 | 0,0334 | 246 | 0,3730 | 291 | 0,6186 | 336 | 0,000327 | 381 | 0,000062 |
| 202 | 0,0371 | 247 | 0,3865 | 292 | 0,5980 | 337 | 0,000315 | 382 | 0,000059 |
| 203 | 0,0412 | 248 | 0,4005 | 293 | 0,5780 | 338 | 0,000303 | 383 | 0,000057 |
| 204 | 0,0459 | 249 | 0,4150 | 294 | 0,5587 | 339 | 0,000291 | 384 | 0,000055 |
| 205 | 0,0510 | 250 | 0,4300 | 295 | 0,5400 | 340 | 0,000280 | 385 | 0,000053 |
| 206 | 0,0551 | 251 | 0,4465 | 296 | 0,4984 | 341 | 0,000271 | 386 | 0,000051 |
| 207 | 0,0595 | 252 | 0,4637 | 297 | 0,4600 | 342 | 0,000263 | 387 | 0,000049 |
| 208 | 0,0643 | 253 | 0,4815 | 298 | 0,3989 | 343 | 0,000255 | 388 | 0,000047 |
| 209 | 0,0694 | 254 | 0,5000 | 299 | 0,3459 | 344 | 0,000248 | 389 | 0,000046 |
| 210 | 0,0750 | 255 | 0,5200 | 300 | 0,3000 | 345 | 0,000240 | 390 | 0,000044 |
| 211 | 0,0786 | 256 | 0,5437 | 301 | 0,2210 | 346 | 0,000231 | 391 | 0,000042 |
| 212 | 0,0824 | 257 | 0,5685 | 302 | 0,1629 | 347 | 0,000223 | 392 | 0,000041 |
| 213 | 0,0864 | 258 | 0,5945 | 303 | 0,1200 | 348 | 0,000215 | 393 | 0,000039 |
| 214 | 0,0906 | 259 | 0,6216 | 304 | 0,0849 | 349 | 0,000207 | 394 | 0,000037 |
| 215 | 0,0950 | 260 | 0,6500 | 305 | 0,0600 | 350 | 0,000200 | 395 | 0,000036 |
| 216 | 0,0995 | 261 | 0,6792 | 306 | 0,0454 | 351 | 0,000191 | 396 | 0,000035 |
| 217 | 0,1043 | 262 | 0,7098 | 307 | 0,0344 | 352 | 0,000183 | 397 | 0,000033 |
| 218 | 0,1093 | 263 | 0,7417 | 308 | 0,0260 | 353 | 0,000175 | 398 | 0,000032 |
| 219 | 0,1145 | 264 | 0,7751 | 309 | 0,0197 | 354 | 0,000167 | 399 | 0,000031 |
| 220 | 0,1200 | 265 | 0,8100 | 310 | 0,0150 | 355 | 0,000160 | 400 | 0,000030 |
| 221 | 0,1257 | 266 | 0,8449 | 311 | 0,0111 | 356 | 0,000153 | | |
| 222 | 0,1316 | 267 | 0,8812 | 312 | 0,0081 | 357 | 0,000147 | | |
| 223 | 0,1378 | 268 | 0,9192 | 313 | 0,0060 | 358 | 0,000141 | | |
| 224 | 0,1444 | 269 | 0,9587 | 314 | 0,0042 | 359 | 0,000136 | | |

*Tabella 1.3:*

**B (λ), R (λ) [mingħajr dimensjoni], 380 nm sa 1 400 nm**

| λ f'nm | B(λ) | R (λ) |
|---|---|---|
| 300 ≤ λ < 380 | 0,01 | — |
| 380 | 0,01 | 0,1 |
| 385 | 0,013 | 0,13 |
| 390 | 0,025 | 0,25 |
| 395 | 0,05 | 0,5 |
| 400 | 0,1 | 1 |
| 405 | 0,2 | 2 |
| 410 | 0,4 | 4 |
| 415 | 0,8 | 8 |
| 420 | 0,9 | 9 |
| 425 | 0,95 | 9,5 |
| 430 | 0,98 | 9,8 |
| 435 | 1 | 10 |
| 440 | 1 | 10 |
| 445 | 0,97 | 9,7 |
| 450 | 0,94 | 9,4 |
| 455 | 0,9 | 9 |
| 460 | 0,8 | 8 |
| 465 | 0,7 | 7 |
| 470 | 0,62 | 6,2 |
| 475 | 0,55 | 5,5 |
| 480 | 0,45 | 4,5 |
| 485 | 0,32 | 3,2 |
| 490 | 0,22 | 2,2 |
| 495 | 0,16 | 1,6 |
| 500 | 0,1 | 1 |
| 500 < λ ≤ 600 | $10^{0,02 \cdot (450 - \lambda)}$ | 1 |
| 600 < λ ≤ 700 | 0,001 | 1 |
| 700 < λ ≤ 1 050 | — | $10^{0,002 \cdot (700 - \lambda)}$ |
| 1 050 < λ ≤ 1 150 | — | 0,2 |
| 1 150 < λ ≤ 1 200 | — | $0,2 \cdot 10^{0,02 \cdot (1\,150 - \lambda)}$ |
| 1 200 < λ ≤ 1 400 | — | 0,02 |

*ANNESS II*

## RADJAZZJONI OTTIKA TAL-LAŻER

Il-valuri bijo-fiżikament pertinenti ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika jistgħu jiġu determinati bil-formoli ta' hawn taħt. Il-formoli li għandhom jintużaw jiddependu mill-*wavelength* u d-dewmien ta' radjazzjoni emessa mill-fonti u r-riżultati għandhom jitqabblu mal-valuri ta' limiti ta' espożizzjoni korrispondenti indikati fit-Tabelli 2.2 — 2.4. Aktar minn valur ta' espożizzjoni wieħed u limitu ta' espożizzjoni korrispondenti jistgħu jkunu pertinenti għal xi fonti partikolari ta' radjazzjoni ottika lażer.

Il-koeffiċjenti użati bħala għodda ta' kalkolu fit-Tabelli 2.2 — 2.4 huma elenkati fit-Tabella 2.5 u l-korrezzjonijiet għal espożizzjoni ripetittiva huma elenkati fit-Tabella 2.6.

$$E = \frac{dP}{dA} \; [W \cdot m^{-2}]$$

$$H = \int_0^t E(t) \cdot dt \cdot \left[J\ m^{-2}\right]$$

*Noti:*

dP potenza espressa f'watts [W];

dA superfiċje espressa f'metri kwadri [$m^2$];

E (t), E *irradjanza jew densità ta' potenza*: il-potenza radjanti inċidenti kull unità ta' erja, ġeneralment espressa f'watts kull metru kwadru [$W\ m^{-2}$]. Il-valuri ta' E(t), E huma riżultat ta' kejl jew jistgħu jiġu provduti mill-manifattur tat-tagħmir;

H *espożizzjoni radjanti*, l-integral tal-ħin ta' l-irradjanza, espressa f'*joules* kull metru kwadru [$J\ m^{-2}$];

t) *ħin, tul ta' ħin ta' l-espożizzjoni*, espress f'sekondi [s];

λ *wavelength*, espress f'nanometri [nm];

γ *l-angolu massimu tal-kon tal-kamp ta' vista tal-kejl* espress f'milliradjani [mrad];

γm *kamp ta' vista tal-kejl* espress f'milliradjani [mrad];

α *angolu apparenti* ta' fonti espress f'milliradjani [mrad];

*limitu ta' apertura*: iċ-ċirku li fuqu tiġi kalkolata l-medja ta' l-irradjanza u ta' l-espożizzjoni radjanti;

G *radjanza integrata:* l-integral tar-radjanza fuq ammont ta' ħin ta' espożizzjoni espress bħala enerġija radjanti kull unità ta' erja ta' superfiċje radjanti kull unità ta' angolu solidu ta' emissjoni, f'*joules* kull metru kwadru kull steradjan [$J\ m^{-2}\ sr^{-1}$].

*Tabella 2.1*

**Riskji ta' radjazzjoni**

| *Wavelength* [nm] λ | Medda ta' radjazzjoni | Organu effettwat | Riskju | Tabella tal-valur ta' limitu ta' espożizzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 180 sa 400 | UV | għajn | ħsara fotokimika u ħsara termika | 2.2, 2.3 |
| 180 sa 400 | UV | ġilda | eritema | 2.4 |
| 400 sa 700 | viżibbli | għajn | ħsara fir-retina | 2.2 |
| 400 sa 600 | viżibbli | għajn | ħsara fotokimika | 2.3 |
| 400 sa 700 | viżibbli | ġilda | ħsara termika | 2.4 |
| 700 sa 1 400 | IRA | għajn | ħsara termika | 2.2, 2.3 |
| 700 sa 1 400 | IRA | ġilda | ħsara termika | 2.4 |
| 1 400 sa 2 600 | IRB | għajn | ħsara termika | 2.2 |
| 2 600 sa $10^6$ | IRC | għajn | ħsara termika | 2.2 |
| 1 400 sa $10^6$ | IRB, IRC | għajn | ħsara termika | 2.3 |
| 1 400 sa $10^6$ | IRB, IRC | ġilda | ħsara termika | 2.4 |

*Tabella 2.2*

**Valuri ta' limiti ta' espożizzjoni ta' l-għajn għal-*lażer* Espożizzjoni qasira ta' dewmien < 10 s**

| *Wavelength* ([a]) [nm] | | Apertura | Tul ta' hin [s] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | $10^{-13}$ — $10^{-11}$ | $10^{-11}$ — $10^{-9}$ | $10^{-9}$ — $10^{-7}$ | $10^{-7}$ — $1.8 \cdot 10^{-5}$ | $1.8 \cdot 10^{-5}$ — $5 \cdot 10^{-5}$ | $5 \cdot 10^{-5}$ — $10^{-3}$ | $10^{-3}$ — $10^{1}$ |
| UVC | 180-280 | 1 mm for t<0.3 s; 1.5 · t0.375 for 0.3<t<10 s | $E = 3 \quad 10^{10}$ [W m$^{-2}$] ([b]) | | $H = 30$ [J m$^{-2}$] | | | | |
| UVB | 280-302 | | | | $H = 30$ [J m$^{-2}$] | | | | |
| | 303 | | | | $H = 40$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 2.6 \cdot 10^{-9}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([c]) | | | |
| | 304 | | | | $H = 60$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 1.3 \cdot 10^{-8}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 305 | | | | $H = 100$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 1.0 \cdot 10^{-7}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 306 | | | | $H = 160$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 6.7 \cdot 10^{-7}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 307 | | | | $H = 250$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 4.0 \cdot 10^{-6}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 308 | | | | $H = 400$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 2.6 \cdot 10^{-5}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 309 | | | | $H = 630$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 1.6 \cdot 10^{-4}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 310 | | | | $H = 10^{3}$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 1.0 \cdot 10^{-3}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 311 | | | | $H = 1{,}6 \cdot 10^{3}$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 6.7 \cdot 10^{-3}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 312 | | | | $H = 2{,}5 \cdot 10^{3}$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 4.0 \cdot 10^{-2}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 313 | | | | $H = 4{,}0 \cdot 10^{3}$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 2.6 \cdot 10^{-1}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| | 314 | | | | $H = 6{,}3 \cdot 10^{3}$ [J m$^{-2}$] | jekk $t < 1.6 \cdot 10^{0}$ allura $H = 5.6 \cdot 10^{3}\ t^{0.25}$ [J m$^{-2}$] ([d]) | | | |
| UVA | 315-400 | | | | $H = 5{,}6 \cdot 10^{3}\ t^{0,25}$ [J m$^{-2}$] | | | | |
| Viżibbli u IRA | 400-700 | 7 mm | $H = 1{,}5 \cdot 10^{-4} C_E$ [Jm$^{-2}$] | $H = 2{,}7 \cdot 10^{4}\ t^{0,75}\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | $H = 5 \cdot 10^{-3}\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | | $H = 18 \cdot t^{0,75}\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | | |
| | 700-1 050 | | $H = 1{,}5 \cdot 10^{-4}\ C_A\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | $H = 2{,}7 \cdot 10^{4}\ t^{0,75}\ C_A\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | $H = 5 \cdot 10^{-3}\ C_A\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | | $H = 18 \cdot t^{0,75}\ C_A\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | | |
| | 1 050-1 400 | | $H = 1{,}5 \cdot 10^{-3}\ C_C\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | $H = 2{,}7 \cdot 10^{5}\ t^{0,75}\ C_C\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | $H = 5 \cdot 10^{-2}\ C_C\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | | | $H = 90 \cdot t^{0,75}\ C_C\ C_E$ [Jm$^{-2}$] | |

| *Wavelength* ([a]) [nm] | | Apertura | Tul ta' ħin [s] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | $10^{-13}$ — $10^{-11}$ | $10^{-11}$ — $10^{-9}$ | $10^{-9}$ — $10^{-7}$ | $10^{-7}$ — $1.8 \cdot 10^{-5}$ | $1.8 \cdot 10^{-5}$ — $5 \cdot 10^{-5}$ | $5 \cdot 10^{-5}$ — $10^{-3}$ | $10^{-3}$ — $10^{1}$ |
| IRB & IRC | 1 400-1 500 | ([d]) | $E = 10^{12}$ [W $m^{-2}$][c] | | $H = 10^{3}$ [$Jm^{-2}$] | | | | $H=5,6 \cdot 10^{3} \cdot t^{0,25}$ [$Jm^{-2}$] |
| | 1 500-1 800 | | $E = 10^{13}$ [W $m^{-2}$] ([c]) | | $H = 10^{4}$ [$Jm^{-2}$] | | | | |
| | 1 800-2 600 | | $E = 10^{12}$ [W $m^{-2}$] ([c]) | | $H = 10^{3}$ [$Jm^{-2}$] | | | | $H=5,6 \cdot 10^{3} \cdot t^{0,25}$ [$Jm^{-2}$] |
| | 2 600-$10^{6}$ | | $E = 10^{11}$ [W $m^{-2}$] ([c]) | | $H=100$ [$Jm^{-2}$] | $H = 5,6 \cdot 10^{3} \cdot t^{0,25}$ [$Jm^{-2}$] | | | |

([a]) Jekk il-*wavelength* tal-lażer huwa kopert b'żewġ limiti, allura japplika l-aktar wieħed restrittiv. b

([b]) Meta 1 $400 \leq \lambda < 105$ nm: dijametru ta' l-apertura = 1 mm għal $t \leq 0.3$ s u $1.5 \ t^{0.375}$ mm għal $0.3 \ s < t < 10$ s; meta $10^{5} \leq \lambda < 10^{6}$ nm: dijametru ta' l-apertura = 11 mm.

([c]) Minħabba n-nuqqas ta' *data* għal dawn il-lungezzi ta' impulsi, l-ICNIRP jirrikkmanda l-użu tal-limiti ta' irradjanza għal 1 ns.

([d]) It-tabella tistabbilixxi l-valuri għal impulsi singoli ta' lażer. Fil-każ ta' impulsi multipli ta' lażer, allura d-dewmien ta' impulsi ta' lażer li jaqgħu ġewwa l-intervall Tmin (elenkat fit-tabella 2.6) għandhom jingħaddu u l-valur ta' ħin li jirriżulta jrid jintuża bħala 't' fil-formula: $5.6 \cdot 10^{3} \cdot t^{0.25}$.

*Tabella 2.3*

**Valuri ta' limiti ta' espożizzjoni ta' l-għajn għal-*lażer* Espożizzjoni fit-tul ta' dewmien ≥ 10 s**

| *Wavelength* ([a]) [nm] | | Aperture | Tul ta' ħin [s] | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | $10^1$ — $10^2$ | $10^2$ — $10^4$ | $10^4$ — $3 \cdot 10^4$ |
| UVC | 180-280 | 3.500000 mm | H = 30 [J m$^{-2}$] | | |
| UVB | 280-302 | | | | |
| | 303 | | H = 40 [J m$^{-2}$] | | |
| | 304 | | H = 60 [J m$^{-2}$] | | |
| | 305 | | H = 100 [J m$^{-2}$] | | |
| | 306 | | H = 160 [J m$^{-2}$] | | |
| | 307 | | H = 250 [J m$^{-2}$] | | |
| | 308 | | H = 400 [J m$^{-2}$] | | |
| | 309 | | H = 630 [J m$^{-2}$] | | |
| | 310 | | H = 1,0 $10^3$ [J m$^{-2}$] | | |
| | 311 | | H = 1,6 $10^3$ [J m$^{-2}$] | | |
| | 312 | | H = 2,5 $10^3$ [J m$^{-2}$] | | |
| | 313 | | H = 4,0 $10^3$ [J m$^{-2}$] | | |
| | 314 | | H = 6,3 $10^3$ [J m$^{-2}$] | | |
| UVA | 315-400 | | H = $10^4$ [J m$^{-2}$] | | |
| Viżibbli 400 — 700 | 400 — 600 Ħsara Fotokimika ([b]) fir-Retina | 7.000000 mm | H = 100 $C_B$ [Jm$^{-2}$] (γ = 11 mrad) ([d]) | E = 1$C_B$ [Wm$^{-2}$]; (γ = 1,1 $t^{0,5}$ mrad) ([d]) | E = 1$C_B$ [Wm$^{-2}$] (γ = 110 mrad) ([d]) |
| | 400 -700 Ħsara Termika ([b]) fir-Retina | | jekk α < 1.5 mrad allura E = 10 [W m$^{-2}$]<br>jekk α > 1.5 mrad u t ≤ T2 allura H = 18CE $t^{0.75}$ [J m$^{-2}$]<br>jekk α > 1.5 mrad u t > T2 allura E = 18CE $T2^{-0.25}$ [W m$^{-2}$] | | |

<table>
<tr><th colspan="2" rowspan="2">Wavelength ([a]) [nm]</th><th rowspan="2">Aperture</th><th colspan="3">Tul ta' ħin [s]</th></tr>
<tr><th>$10^1 — 10^2$</th><th>$10^2 — 10^4$</th><th>$10^4 — 3 \cdot 10^4$</th></tr>
<tr><td>IRA</td><td>700-1 400</td><td>7.000000 mm</td><td colspan="3">jekk α < 1.5 mrad allura $E = 10\ C_A\ C_C$ [W $m^{-2}$]<br>jekk α > 1.5 mrad u t ≤ T2 allura $H = 18\ C_A\ C_C\ C_E\ t^{0.75}$ [J $m^{-2}$]<br>jekk α > 1.5 mrad u t > T2 allura $E = 18\ C_A\ C_C\ C_E\ T2^{-0.25}$ [W $m^{-2}$] (m'għandux jaqbeż 1000 W $m^{-2}$)</td></tr>
<tr><td>IRB u IRC</td><td>1 400-$10^6$</td><td>ara([c])</td><td colspan="3">E = 1 000 [W$m^{-2}$]</td></tr>
</table>

([a]) Jekk il-*wavelength* jew kondizzjoni oħra tal-lażer huma koperti b'żewġ limiti, allura japplika l-aktar wieħed restrittiv.

([b]) Għal fonti żgħar li jkopru angolu ta' 1.5 mrad jew inqas, il-limiti doppji E viżibbli minn 400 nm sa 600 nm jonqsu għal-limiti termiċi għal 10s≤t<T1 u għal-limiti fotokimiċi għal ħinijiet itwal. Għal T1 u T2 ara t-Tabella 2.5. Il-limitu ta' riskju fotokimiku għar-retina jista' jiġi espress ukoll bħala radjanza integrata fuq il-ħin $G = 10^6\ C_B$ [J $m^{-2}$ $sr^{-1}$]għal t > 10s sa t = 10 000 s u $L = 100\ C_B$ [W $m^{-2}$ $sr^{-1}$] għal t > 10 000 s. Għall-kejl ta' G u L γm għandu jintuża bħala kamp ta' vista medja. Il-konfini uffiċjali bejn viżibbli u infra-aħmar huwa 780 nm kif definit mis-CIE. Il-kolonna li tikkontieni l-ismijiet ta' faxex ta' *wavelength* hija intiża biss sabiex tipprovdi tagħrif ġenerali aħjar għall-utent. (In-notazzjoni G hija użata mis-CEN; in-notazzjoni Lt hija użata mis-CIE; in-notazzjoni LP hija użata mill-IEC u s-CENELEC.)

([c]) Għall-*wavelength* 1400 — 105 nm: dijametru ta' apertura = 3.5 mm; għall-*wavelength* 105 — 106 nm: dijametru ta' l-apertura = 11 mm

([d]) Għall-kejl tal-valur ta' espożizzjoni l-konsiderazzjoni ta' γ hija definita kif ġej: Jekk α (angolu apparenti ta' fonti) > γ (limitu ta' l-angolu konali, indikat fil-parentesi fil-kolonna korrispondenti) allura l-kamp ta' vista tal-kejl γm għandu jingħata l-valur ta' γ. (Jekk jintuża kamp ta' vista ta' kejl akbar, allura ir-riskju jkun stmat iżżejjed).
Jekk α < γ allura l-kamp ta' vista tal-kejl γm għandu jkun kbir biżżejjed sabiex ikopri l-fonti għal kollox iżda mill-bqija mhux limitat u jista' jkun akbar minn γ.

*Tabella 2.4:*

**Valuri ta' limiti ta' espożizzjoni tal-ġilda għal-lażer**

| *Wavelength* ([a]) [nm] | | Apertura | Tul ta' ħin [s] | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | $< 10^{-9}$ | $10^{-9}$ — $10^{-7}$ | $10^{-7}$ — $10^{-3}$ | $10^{-3}$ — $10^{1}$ | $10^{1}$ — $10^{3}$ | $10^{3}$ — $3 \cdot 10^{4}$ |
| UV (A, B, C) | 180-400 | 3.5 mm | $E = 3 \cdot 10^{10}$ [W m$^{-2}$] | L-istess bħal-Limiti ta' Espożizzjoni għall-Għajn | | | | |
| Viżibbli u IRA | 400-700 | 3. 5 mm | $E = 2 \cdot 10^{11}$ [W m$^{-2}$] | $H = 200\ C_A$ [J m$^{-2}$] | $H = 1{,}1 \cdot 10^{4}\ C_A\ t^{0{,}25}$ [J m$^{-2}$] | | $E = 2 \cdot 10^{3}\ C_A$ [W m$^{-2}$] | |
| | 700-1 400 | | $E = 2 \cdot 10^{11}\ C_A$ [W m$^{-2}$] | | | | | |
| IRB u IRC | 1 400-1 500 | | $E = 10^{12}$ [W m$^{-2}$] | L-istess bħal-Limiti ta' Espożizzjoni ta' l-Għajn | | | | |
| | 1 500-1 800 | | $E = 10^{13}$ [W m$^{-2}$] | | | | | |
| | 1 800-2 600 | | $E = 10^{12}$ [W m$^{-2}$] | | | | | |
| | 2 600-$10^{6}$ | | $E = 10^{11}$ [W m$^{-2}$] | | | | | |

([a]) Jekk il-*wavelength* jew xi kondizzjoni oħra tal-*lażer* huma koperti b'żewġ limiti, allura japplika dak l-aktar restrittiv.

*Tabella 2.5:*

**Fatturi ta' korrezzjoni applikati u parametri oħra ta' kalkolu**

| Parametru kif elenkat fl-ICNIRP | Medda spettrali valida (nm) | Valur |
|---|---|---|
| $C_A$ | $\lambda < 700$ | $C_A = 1{,}0$ |
| | 700-1 050 | $C_A = 10^{0{,}002(\lambda - 700)}$ |
| | 1 050-1 400 | $C_A = 5{,}0$ |
| $C_B$ | 400-450 | $C_B = 1{,}0$ |
| | 450-700 | $C_B = 10^{0{,}02(\lambda - 450)}$ |
| $C_C$ | 700-1 150 | $C_C = 1.0$ |
| | 1 150-1 200 | $C_C = 10^{0{,}018(\lambda - 1150)}$ |
| | 1 200-1 400 | $C_C = 8{,}0$ |
| $T_1$ | $\lambda < 450$ | $T_1 = 10$ s |
| | 450-500 | $T_1 = 10 \cdot [10^{0{,}02(\lambda - 450)}]$ s |
| | $\lambda > 500$ | $T_1 = 100$ s |
| **Parametru kif elenkat fl-ICNIRP** | **Validu għal effett bijoloġiku** | **Valur** |
| $\alpha_{min}$ | l-effetti termiċi kollha | $\alpha_{min} = 1{,}5$ mrad |
| **Parametru kif elenkat fl-ICNIRP** | **Medda angolari valida (mrad)** | **Valur** |
| $C_E$ | $\alpha < \alpha_{min}$ | $C_E = 1{,}0$ |
| | $\alpha_{min} < \alpha < 100$ | $C_E = \alpha/\alpha_{min}$ |
| | $\alpha > 100$ | $C_E = \alpha^2/(\alpha_{min} \cdot \alpha_{max})$ mrad with $\alpha_{max} = 100$ mrad |
| $T_2$ | $\alpha < 1{,}5$ | $T_2 = 10$ s |
| | $1{,}5 < \alpha < 100$ | $T_2 = 10 \cdot [10^{(\alpha - 1{,}5)/98{,}5}]$ s |
| | $\alpha > 100$ | $T_2 = 100$ s |
| **Parametru kif elenkat fl-ICNIRP** | **Medda ta' ħin ta' espożizzjoni valida (s)** | **Valur** |
| $\gamma$ | $t \leq 100$ | $\gamma = 11$ [mrad] |
| | $100 < t < 10^4$ | $\gamma = 1{,}1\ t^{0,5}$ [mrad] |
| | $t > 10^4$ | $\gamma = 110$ [mrad] |

*Tabella 2.6:*

**Korrezzjoni għal espożizzjoni ripetittiva**

Kull waħda mit-tliet regoli ġenerali li ġejjin għandhom jiġu applikati għall-espożizzjonijiet ripetittivi kollha li jseħħu minn sistemi ta' lażer b'impulsi ripetittivi jew bl-iskennjar:

1. L-espożizzjoni minn kwalunkwe impuls singolu f'sensiela ta' impulsi ma għandhiex taqbeż il-valur ta' limitu ta' espożizzjoni għal impuls singolu ta' dak it-tul ta' ħin ta' impuls.
2. L-espożizzjoni minn kwalunkwe grupp ta' impulsi (jew sotto-grupp ta' impulsi f'xi sensiela) waqt tul ta' ħin 't' ma għandhiex taqbeż il-valur ta' limitu ta' espożizzjoni għall-ħin 't'.
3. L-espożizzjoni minn kwalunkwe impuls singolu fi ħdan grupp ta' impulsi ma għandux jaqbeż il-valur ta' limitu ta' espożizzjoni ta' impuls singolu multiplikat b'fattur korrettiv kumulattiv-termiku $C_p=N^{-0.25}$, fejn N huwa n-numru ta' impulsi. Din ir-regola tapplika biss għal limiti ta' espożizzjoni għall-protezzjoni kontra leżjoni termika, fejn l-impulsi kollha li jseħħu f'ħin inqas minn $T_{min}$ jiġu trattati bħala impuls singolu.

| Parametru | Medda spettrali valida (nm) | Valur |
|---|---|---|
| $T_{min}$ | $315 < \lambda \leq 400$ | $T_{min} = 10^{-9}$ s (= 1 ns) |
| | $400 < \lambda \leq 1\,050$ | $T_{min} = 18 \cdot 10^{-6}$ s (= 18 µs) |
| | $1\,050 < \lambda \leq 1\,400$ | $T_{min} = 50 \cdot 10^{-6}$ s (= 50 µs) |
| | $1\,400 < \lambda \leq 1\,500$ | $T_{min} = 10^{-3}$ s (= 1 ms) |
| | $1\,500 < \lambda \leq 1\,800$ | $T_{min} = 10$ s |
| | $1\,800 < \lambda \leq 2\,600$ | $T_{min} = 10^{-3}$ s (= 1 ms) |
| | $2\,600 < \lambda \leq 10^{6}$ | $T_{min} = 10^{-7}$ s (= 100 ns) |

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. INTRODUZZJONI

Fit-8 ta' Frar 1993 il-Kummissjoni ssottomettiet lill-Kunsill, abbażi ta' l-Artikolu 118a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi ta' saħħa u sigurtà dwar l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li ġejjin minn aġenti fiżiċi.

Il-proposta kienet maħsuba li tissupplimenta d-Direttiva 89/391/KEE billi tispjega l-mod kif xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha kellhom japplikaw fil-każ speċifiku ta' l-espożizzjoni għal aġenti fiżiċi.

Il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali taw l-Opinjonijiet tagħhom fl-20 ta' April 1994 u fit-30 ta' Ġunju 1993 rispettivament. Il-Parlament Ewropew ikkonferma l-ewwel qari tiegħu fis-16 ta' Settembru 1999 ([1]).

Il-Kummissjoni ssottomettiet proposta emendata fit-8 ta' Lulju 1994.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, il-bażi legali nbidlet mill-*ex*-Artikolu 118a għall-Artikolu 137(2), li jipprovdi għal kodeċiżjoni mal-Parlament Ewropew u konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni.

Il-Kumitat tar-Reġjuni stqarr f'ittra li ġġib id-data tat-13 ta' Jannar 2000 li ma kienx ser jissottometti Opinjoni dwar il-proposta għal Direttiva.

Il-karatteristika prinċipali tal-proposta kienet li fi strument wieħed għaqqdet erba' tipi ta' aġenti fiżiċi (l-istorbju, il-vibrazzjoni mekkanika, ir-radjazzjoni ottika u l-kampi elettromanjetiċi), fejn kull wieħed kien ikun is-suġġett ta' anness separat.

Minħabba l-karatteristiċi ferm differenti ta' l-erba' aġenti fiżiċi, kien deċiż fl-1999 li jsir proċediment abbażi ta' Direttivi separati. Id-Direttivi dwar il-vibrazzjoni, l-istorbju u l-kampi elettromanjetiċi diġa ġew adottati. Il-Kunsill imbagħad iddeċieda li jikkonċentra fuq ir-radjazzjoni ottika, ir-raba' u l-aħħar element.

Il-Kunsill adotta Pożizzjoni Komuni fit-18 ta' April 2005, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat.

## II. GĦAN

Il-proposta għal Direttiva, wara l-qasma tal-proposta oriġinali, għandha l-għan li ttejjeb il-protezzjoni tas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema minn riskji li ġejjin mill-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika.

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. Osservazzjonijiet ġenerali

Skond l-Artikolu 137(1) tat-Trattat "*il-Komunità għandha ssostni u tikkomplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri f' […] titjib partikolarment fl-ambjent tax-xogħol biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;*" eċċ.

L-Artikolu 137(2) tat-Trattat jiddikjara li l-Kunsill: "*jista' jadotta, permezz ta' direttivi, il-ħtiġiet minimi għall-implimentazzjoni gradwali, wara li jkun studja l-kondizzjonijiet u r-regoli tekniċi li jkunu jeżistu f'kull wieħed mill-Istati Membri*".

([1]) ĠU C 54, tal-25.2.2000

Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill hija konformi ma' l-għanijiet ta' l-Artikolu 137(2) tat-Trattat fiż-żona koperta, billi hija mfassla biex tintroduċi rekwiżiti minimi biex tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li ġejjin minn espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika.

Barra minn hekk, il-Pożizzjoni Komuni tirrispetta l-għanijiet imressqa mill-Kummissjoni u appoġġjati mill-Parlament, għalkemm għandha struttura different b'riżultat tal-qasma tal-proposta oriġinali. Hi tinkludi diversi emendi li jirriżultaw mill-ewwel qari tal-Parlament tal-proposta tal-Kummissjoni.

## 2. L-istruttura u l-elementi ċentrali

### 2.1 *L-istruttura ġenerali*

L-istruttura ġenerali tal-Pożizzjoni Komuni, per eżempju l-introduzzjoni tal-valuri limitu ta' espożizzjoni, l-artikoli dwar l-informazzjoni u t-training tal-ħaddiema, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni u d-dispożizzjonijiet varji, issegwi mill-qrib id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar il-vibrazzjoni, l-istorbju u l-kampi elettromanjetiċi. Dan hu wkoll konformi ma' l-istruttura ġenerali tal-proposta emendata tal-Kummissjoni.

Skond l-Artikolu 1, il-Pożizzjoni Komuni tirreferi għar-riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minħabba l-effetti negattivi kkawżati lill-għajnejn u lill-ġilda mill-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika. L-ebda distinzjoni ma hi magħmula bejn effetti għal żmien fit-tul u fil-qosor, billi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jkopri kemm effetti negattivi akuti kif ukoll kroniċi fuq is-saħħa. Per eżempju, dan jirrifletti r-realtà li l-espożizzjoni eċċessiva għar-radjazzjoni ultravjola tista' tikkawża effetti għal żmien fit-tul, bħal melanoma fil-ġilda.

### 2.2 *Il-valuri limitu ta' espożizzjoni*

Il-Pożizzjoni Komuni hi bbażata fuq l-introduzzjoni ta' valuri limitu ta' espożizzjoni (ELVs) kif definit fl-Artikolu 2 u stabbilit fit-Tabelli fl-Annessi skond l-Artikolu 3. Dawn il-valuri huma bbażati essenzjalment fuq ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni mir-Radjazzjoni mhux Jonizzanti (ICNIRP). Fl-oqsma fejn l-ebda valuri ma ġew imfassla mill-ICNIRP, intużaw il-valuri stabbiliti mill-Kummissjoni Internazzjonali Elettroteknika (IEC). Dawn il-linji gwida bbażati xjentifikament, li huma bbażati b'mod konservattiv, huma mfassla biex jipprevjenu effetti akuti u fit-tul lill-għajnejn u lill-ġilda li jistgħu jseħħu fejn hemm livelli estremament għolja ta' espożizzjoni. L-ELVs preskritti fil-Linji Gwida ta' l-ICNIRP jikkorrispondu ma' dawk żviluppati minn korpi konsultattivi xjentifiċi indipendenti oħra li jaħdmu f'dan il-qasam, notevolment il-Konferenza Amerikana ta' Iġjenisti Industrijali Governattivi (ACGIH), il-Bord Nazzjonali tal-Protezzjoni Radjoloġika (NRPB) (tar-Renju Unit) u l-Kunsill tas-Saħħa ta' l-Olanda (Gezondheidsraad).

L-ELVs għar-radjazzjoni non-koerenti, minbarra dik emessa minn sorsi naturali ta' radjazzjoni ottika, huma kif imniżżla fl-Anness 1 u l-ELVs għar-radjazzjoni bil-laser huma kif imniżżla fl-Anness II.

L-applikazzjoni ta' l-ELVs u l-kontrolli ta' l-inġinerija mhumiex ikkunsidrati bħala adattati fil-każ ta' espożizzjoni għal sorsi naturali ta' radjazzjoni ottika, u għaldaqstant miżuri preventivi, inklużi l-informazzjoni u t-taħriġ għall-ħaddiema, huma kruċjali fl-istima tar-riskju u t-tnaqqis tar-riskji ta' espożizzjoni minħabba sorsi naturali ta' radjazzjoni ottika (ix-xemx, attività vulkanika, nirien naturali, sajjetti, eċċ.).

2.3 *Determinazzjoni ta' l-espożizzjoni u valutazzjoni tar-riskji*

Element ċentrali tal-Pożizzjoni Komuni huma d-dispożizzjonijiet dwar id-determinazzjoni ta' l-espożizzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji fl-Artikolu 4. Elementi importanti tal-valutazzjoni tar-riskju li min iħaddem għandu jagħti attenzjoni partikolari għalihom huma, *inter alia*, ħaddiema li jappartjenu għal gruppi ta' riskju partikolarment sensittivi u sorsi multipli ta' espożizzjoni (L-Artikolu 4(4)).

L-Artikolu 4(1) jistipula li min iħaddem għandu jivvaluta u, jekk jinħtieġ, ikejjel u/jew jikkalkula l-livelli ta' l-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika. L-artikolu jinkludi struzzjonijiet dwar il-metodoloġija li għandha tiġi applikata: jekk ikunu disponibbli, l-istandards u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-IEC, is-CIE jew is-*CEN* [1] għandhom jintużaw, u jekk dawn ma jkunux disponibbli, linji gwida nazzjonali jew internazzjonali bbażati xjentifikament għandhom jiġu segwiti. Sabiex tiġi evitata ripetizzjoni mhux neċessarja, il-valutazzjoni tista' tieħu kont ta' *data* pprovduta mill-manifatturi tat-tagħmir fejn dan huwa kopert minn Direttiva Komunitarja rilevanti.

2.4 *L-Azzjoni li trid tittieħed meta ġie stabbilit riskju*

L-għan tal-Pożizzjoni Komuni hu li telimina jew tnaqqas għal minimu r-riskji li jirriżultaw mill-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika. L-Artikolu 5(2) jirreferi għall-ħaddiema esposti għal sorsi artifiċjali ta' radjazzjoni ottika u l-Artikolu 5(3) għall-ħaddiema esposti għal sorsi naturali ta' radjazzjoni ottika. Fiż-żewġ każi, min iħaddem għandu jfassal u jimplimenta pjan ta' azzjoni li jinkludi miżuri tekniċi u/jew organizzattivi.

Fil-każ ta' sorsi artifiċjali, l-Arikolu 5(2) jirreferi, *inter alia*, għal metodi oħra ta' xogħol, l-għażla tat-tagħmir, metodi tekniċi ta' tnaqqis jew id-disinn u t-taqsim tal-postijiet tax-xogħol bħala elementi partikolari ta' tali pjan ta' azzjoni. Bi tkomplija mal-kunċett tal-valuri limitu ta' espożizzjoni, l-Artikolu 5(5) jiddikjara b'mod ċar li l-ħaddiema m'għandhomx jiġu esposti 'l fuq mill-ELVs. Jekk madankollu l-ELVs jinqabżu, min iħaddem għandu jieħu azzjoni immedjata biex inaqqas l-espożizzjoni għal taħthom, jidentifika r-raġunijiet għaliex l-ELVs inqabżu u għandu jemenda l-miżuri ta' protezzjoni u prevenzjoni sabiex jiġi evitat li jirrepeti ruħu tali inċident.

Obbligu ieħor li jirriżulta meta jiġi stabbilit riskju hu l-identifikazzjoni, l-indikazzjoni b'sinjali adatti u l-limitazzjoni għall-aċċess fiż-żoni konċernati (l-Artikolu 5(4)).

Konformità mal-valuri limitu ta' espożizzjoni dwar sorsi ottiċi artifiċjali u osservanza sistematika ta' approċċ ta' prekawzjoni għal sorsi naturali x'aktarx jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni kontra xi effett ħażin possibbli.

2.5 *Differenzi prinċipali mill-proposta emendata tal-Kummissjoni*

Id-differenzi prinċipali bejn il-Pożizzjoni Komuni u l-proposta emendata tal-Kummissjoni jikkonċernaw:

— l-istruttura l-ġdida minħabba l-fatt li r-radjazzjoni ottika hija ttrattata f'direttiva speċifika;

— ir-ristrutturar u d-definizzjoni ġdida tal-valuri limitu ta' espożizzjoni, inkluż it-tħassir tal-valuri ta' azzjoni u l-livelli limitu;

— it-Tabelli u d-dispożizzjonijiet fl-Annessi, li jimxu fil-qrib mar-rakkomandazzjonijiet ta' l-ICNIRP;

— ir-referenzi għall-istandards, r-rakkomandazzjonijiet u l-linji gwida bbażati xjentifikament għall-valutazzjoni, il-qies u l-kalkolu tal-livelli ta' espożizzjoni għas-sorsi artifiċjali ta' radjazzjoni ottika fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riskju;

(1) IEC: Kummissjoni Intenazzjonali Elettroteknika
CIE: Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Illuminazzjoni
CEN: Kumitat Ewropew għal l-Istandardizzazzjoni

— l-abolizzjoni tar-rekwiżit biex ċerti attivitajiet jiġu kkunsidrati bħala li jippreżentaw riskju ikbar u biex jiġu ddikjarati lill-awtorità responsabbli;

— l-għoti lill-ħaddiema li jaħdmu fuq barra ta' l-istess livell ta' protezzjoni daqs il-ħaddiema li jaħdmu fuq ġewwa.

3. **L-emendi tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari**

Billi l-Pożizzjoni Komuni tkopri biss ir-radjazzjoni ottika, diversi emendi tal-Parlament Ewropew ma jaqgħux taħt dan il-kuntest. Għalhekk l-emendi li ġejjin biss kellhom jiġu kkunsidrati qabel ma' l-Pożizzjoni Komuni ġiet adottata: 1, 4-21, 25, 27, 34-36.

3.1 *Emendi tal-Parlament Ewropew adottati mill-Kunsill*

L-Emendi 1, 5, 9, 14, 16 u 25 ġew adottati sħaħ, jekk mhux kelma b'kelma għall-inqas fl-ispirtu, fil-Pożizzjoni Komuni.

Barra minn hekk, l-Emenda 4 ġiet adottata parzjalment fl-Artikolu 2(e). Iżda, minflok it-test ta' l-Emenda 4, il-Kunsill ipprefera jiddikjara li konformità mal-valuri limitu ta' espożizzjoni ser tassigura li l-ħaddiema huma protetti kontra l-effetti kollha magħrufa li huma ħżiena għas-saħħa.

L-Emenda 10 hi riflessa fl-ispirtu fit-test ta' l-Artikolu 5(6), għalkemm il-Kunsill ma kkunsidrax li hu adattat li jirreferi għal għan esklużiv ta' miżuri preventivi għall-gruppi ta' riskju partikolarment sensittivi.

L-Emenda 12 ġiet aċċettata fl-ispirtu fl-Artikolu 5(1), fejn il-Pożizzjoni Komuni issa tirreferi għall-eliminazzjoni jew tnaqqis għal minimu ta' l-espożizzjoni.

L-Emenda 13 ġiet parzjalment aċċettata fl-Artikolu 5(5). Il-Kunsill ma ra l-ebda ħtieġa li jirreferi speċifikament għal miżuri kollettivi, billi min iħaddem irid jikkunsidra l-miżuri preventivi kollha possibbli meta jieħu azzjoni biex titnaqqas l-espożizzjoni taħt il-valuri limitu ta' espożizzjoni.

L-Emenda 17 ġiet aċċettata fl-ispirtu fl-Artikolu 4(4)(f), li jinkludi lista ta' varjetà ta' effetti indiretti possibbli ta' l-espożizzjoni għar-radjazzjoni ottika.

3.2 *Emendi tal-Parlament Ewropew mhux adottati mill-Kunsill*

Il-Kunsill ma jikkunsidrax li jaqbel li jiġu inklużi l-emendi 6, 7, 8, 11, 15, 18, 19, 20, 21, 27, 34, 35, u 36 fil-Pożizzjoni Komuni tiegħu, għar-raġunijiet li ġejjin:

— ma kienx hemm ħtieġa għal livell limitu jew valur ta' azzjoni kif inkluż fil-proposta emendata tal-Kummissjoni u fl-emendi 6 u 7, billi l-osservazzjoni tal-limiti ta' espożizzjoni kif rakkomandati mill-ICNIRP diġa' tiggarantixxi li m'hemmx effetti ħziena ta' saħħa magħrufa. Ftit hemm oqsma fis-saħħa fuq il-post tax-xogħol irriċerkati bir-reqqa daqs ir-radjazzjoni ottika, jew fejn hemm daqstant qbil mifrux fost awtoritajiet konsultattivi nazzjonali u internazzjonali tas-saħħa dwar livelli siguri ta' espożizzjoni.

— l-emenda 8 ma ġietx adottata għaliex m'hemmx ħtieġa għal definizzjoni separata ta' "valutazzjoni" minbarra d-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni fl-Artikolu 4.

— l-emenda 11 ma ġietx aċċettata għaliex skond l-Artikolu 4 dak li hemm bżonn jiġi valutat hu r-riskju għas-saħħa tal-ħaddiem u mhux il-livell ta' l-espożizzjoni.

— l-emenda 15 li tikkonċerna s-sorveljanza tas-saħħa ma ġietx adottata billi l-Kunsill ipprefera referenza ġenerali għall-Artikolu 14 tad-Direttiva Kwadru 89/391/KEE, minflok li jkollha obbligu li jorbot eċċessivament fuq il-ħaddiema. Madankollu, l-Artikolu 8 tal-Pożizzjoni Komuni jinkludi numru ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw arranġamenti għas-sorveljanza tas-saħħa.

— l-emendi 18, 19 u 20 kienu żejda billi l-Pożizzjoni Komuni ma tinkludix dispożizzjoni speċ–jali għal deroga jew eżenzjonijiet.

— il-Kunsill ikkunsidra bħala adattata d-dispożizzjoni standard fl-Artikolu 11 dwar Kumitat biex jassisti lill-Kummissjoni u għalhekk ma aċċettax l-emenda 21.

— l-emenda 27 kienet żejda billi l-Pożizzjoni Komuni ma tinkludix dispożizzjoni speċjali għal attivitajiet perikolużi.

— l-emendi 34, 35 u 36 ma ġewx adottati billi l-Annessi kienu ġew ristrutturati konformi mar-Rakkomandazzjonijiet ta' l-ICNIRP.

## IV. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill jikkunsidra li, b'mod ġenerali, il-Pożizzjoni Komuni hija konformi ma' l-għanijiet fondamentali tal-proposta emendata tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jikkunsidra wkoll li, wara li kkunsidra l-preparazzjoni ta' testi separati dwar kull wieħed mill-erba' aġenti fiżiċi, ħa kont ta' l-għanijiet prinċipali segwiti mill-Parlament Ewropew fl-emendi tiegħu għall-proposta oriġinali tal-Kummissjoni.